**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**
**MAĠISTRAT**

**Kumpilazzjoni Numru 482/2019**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Shaun Friggieri)**
**-Vs-**
**JASON ZAMMIT**
**STEPHEN GALEA**

**Illum, 9 ta' Jannar 2025**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **JASON ZAMMIT** ta' 44 sena, iben Anthony u Annunziata nee' Agius, imwieled il-Pieta' fit-22 ta' Novembru 1974 u jirrisjedi f'78, Mammamia Crt, Flt 3, Triq id-Dugh, Marsaskala, detentur tal-karta tal-identita 557874M u **STEPHEN GALEA**, ta' 41 sena, iben missier mhux magħruf u Catherine nee' Galea, imwieled il-Pieta' fl-20 ta' Lulju 1978 u li temporanjament jirrisjedi fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin, detentur tal-karta tal-identita Maltija numru 397978M li ġew akkużati talli fix-xhur ta' April u Mejju 2019, f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:-

1. B'mezzi kontra l-liġi jew billi għamiltu użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki

foloz, jew billi inqdejtu b'qerq ieħor, ingann jew billi urejtu ħaġa b'oħra sabiex iġġiegħelu jitwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' hila jew setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex tqanqlu tama jew biżgħa dwar xi ġrajja kimerika, għamiltu qligh ta' aktar minn ħamest elef euro (€5000) għad-detriment ta' Vella Mechanical Services Ltd ta' Lija u/jew Sean Borg u/jew Lombard Bank

2. Għamiltu qligh b'qerq ta' aktar minn ħamest elef ewro (€5000) għad-detriment ta' Vella Mechanical Services Ltd ta' Lija u/ jew jew Sean Borg u/jew Lombard Bank;

3. B'mezzi kontra l-liġi jew billi għamiltu użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdejtu b'qerq iehor, ingann jew billi urejtu ħaġa b'oħra sabiex iggieghelu jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqlu tama jew bizgha dwar xi grajja kimerika, ghamiltu qliegh ta' aktar minn hames mitt mitt euro (€500) izda mhuz aktar minn hamest elef euro (€5,000) ghad-detriment ta' PTR Machinery u/jew Pawlu tar-Rabat Machinery Division;

4. Għamiltu qligħ b'qerq ta' aktar minn ħames mitt euro (€500) izda mhux aktar minn ħamest elef euro (€5,000) għad-detriment ta' PTR Machinery u/jew Pawlu tar-Rabat Machinery Division;

5. B'mezzi kontra l-liġi jew billi għamiltu uzżu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdejtu b'qerq ieħor, ingann, jew billi urejtu haġa b'oħra sabiex iġġiegħelu jitwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila jew setgha fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex tqanqlu tama jew biżgħa dwar xi ġrajja kimerika, għamiltu qligħ ta' aktar minn ħames mitt euro (€500) izda mhux aktar minn ħamest elef euro (€5,000) għad-detriment ta' Richard

Darmanin u/jew Clean Away Services;

6. Għamiltu qligħ b'qerq ta' aktar minn ħames mitt euro (€500) izda mhux aktar minn ħamest elef euro (€5,000) għad-detriment ta' Richard Darmanin u/jew Clean Away Services;

7. B' mezzi kontra l-liġi jew billi għamiltu użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdejtu b'qerq ieħor, ingann jew billi urejtu ħaġa b'ohra sabiex iġġieghelu jitwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila jew setgħa fuq haddieħor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex tqanqlu tama jew biżgħa dwar xi ġrajja kimerika, għamiltu qligħ ta' aktar minn ħames mitt euro (€500) iżda mhux aktar minn ħamest elef euro (€5,000) għad-detriment ta' Cortis Timber and Wood Products Ltd u/jew Lombard Bank:

8. Għamiltu qligħ b'qerq ta' aktar minn ħames mitt euro (€500) izda mhux aktar minn hames elef uero (€5,000) għad-detriment ta' Cortis Timber and Wood Products Ltd u/jew Lombard Bank;

9. B'mezzi kontra l-liġi jew billi għamiltu użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdejtu b'qerq ieħor, ingann, jew billi urejtu haġa b'oħra sabiex iġġiegħelu jitwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila jew setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex tqanqlu tama jew biżgħa dwar xi ġrajja kimerika, ghamiltu qligħ ta' aktar minn ħames mitt euro (€500) iżda mhux aktar minn ħamest elef euro (€5,000) għad-detriment ta' Alfred Muscat Luqa u/jew Lombard Bank;

10. Għamiltu qligħ b'qerq ta' aktar minn ħames mitt euro (€500) iżda mhux aktar

minn ħamest elef euro (€5,000) għad-detriment ta' Alfred Muscat minn Luqa u/jew Lombard Bank;

11. Assoċjajtu ruħkom ma xi persuna jew persuni f'Malta bil-għan li tagħmlu delitt f'Malta li għalih hemm il-piena ta' priġunerija , u li ma jkunx delitt taht l-Att Dwar l-Istampa:

12. Għamiltu falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi ħloqtu pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi ddaħħaltu dawn il-pattijiet disposizzjonijiet, obbligi jew ħelsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi ziedtu jew biddiltu klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew jippruvaw:

13. Xjentement għamiltu użu minn att, kitba jew skrittura falza imsemmija fl-artikoli ta' qabel l-Artikolu 184 ta' l-istess sub-titolu tal-Kodiċi Kriminali;

14. Kif ukoll talli bejn it-3 ta' Mejju 2019 u l-4 ta' Mejju 2109, minn gewwa Triq tax-Xewk Paola huma kompliċi ta' serq ta' set pjanċi b'numru EPV333 ta' vettura għad-detriment ta' Edmund Vella .u/jew persuni oħra liema serqa hija kwalifikata bil-ħin u bix-xorta ta' ħaġa misruqa:

15. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, bħala kompliċi, għamlu użu minn marka ta' registrazzjoni xort'ohra minn dik moghtija mill-Awtorita dwar xi vettura bil-mutur partikolari;

16. Aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistat b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra mnn Malta;

17. Ukoll talli bejn id-9 ta' Mejju 2019 u l-10 ta' Mejju 2019, minn ġewwa Triq Ħareb Għaxaq huma kompliċi ta' serq ta' sett pjanċi b'numru DAB908 ta' vettura għad-detriment ta' Joseph Borg u/jew persun oħra, liema serqa hija kwalifikata bil-ħin u bix-xorta ta' ħaġa misruqa;

18. Aktar talli fl-istess data, lok u ħin u ċirkostanzi, bħala kompliċi, għamlu użu minn marka ta' reġistrazzjoni xort'oħra minn dik mogħtija mill-Awtorita' dwar xi vettura bil-mutur partikolari;

19. Aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u ċirkostanzi, xjentement laqgħu għandhom jew xtraw ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta;

20. U talli irrendew ruħhom reċidivi ai termini ta' l-artikoli 49,50 tal- Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta b' sentenzi mogħtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jinbidlu.

Lil Jason Zammit waħdu, akkużat ukoll talli fl-istess perjodu, lok u ċirkostanzi b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b' riżoluzzjoni waħda:

21. B'mezzi kontra l-ligi jew billi għamilt użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdejt b'qerq ieħor, ingann, jew billi urejt haġa b'oħra sabiex iġġiegħel jitwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila jew setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex tqanqal tama jew biżgħa dwar

xi ġrajja kimerika, għamilt qligħ ta' aktar minn ħamest elef ewro (€5000) għad-detriment ta' Charlet Abela miż-Żejtun;

22. Għamilt qliegh b'qerq minn ħamest elef ewro (€5000) għad-detriment ta' Andrew Garage u/jew Charlet Abela miż-Żejtun.

23. B'mezzi kontra l-liġi jew billi għamilt użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdejt b'qerq ieħor, ingann, jew billi urejt ħaġa b'oħra sabiex iġġiegħel jitwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila jew setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex tqanqal tama jew biżgħa dwar xi ġrajja kimerika, għamilt qligħ ta' aktar minn ħames mitt euro (€500) izda mhux aktar minn ħamest elef euro (€5,000) għad-detriment ta' <u>KPH u/jew Koperattiva Produtturi tal-Halib Ltd:</u>

24. Għamilt qligħ b'qerq ta’ aktar minn ħames mitt euro (€500) iżda mhux aktar minn ħamest elef euro (€5,000) għad-detriment ta' <u>KPH u/jew Koperattiva Produtturi tal-Halib Ltd:</u>

25. Ikkommetejt serq ta' cheque books għad-detriment ta' <u>JFF Limited FBC</u> u ta' <u>Julian&/or Graziella Micallef</u> liema oġġett misruq ma jiswix aktar minn tlieta u għoxrin Euro u 29 ċentezmu (€23 29);

26. Kif ukoll talli fis-7 ta' Mejju 2019 huwa kompliċi ta' serq ta' set pjanci b'numru KBP314 ta' vettura tal-għamla Peugeot għad-detriment ta' Brian-Alex Mizzi u/jew persuni oħra , liema serqa hija kwalifikata bil-ħin u bix-xorta ta' ħaġa misruqa:

27. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, bħala komplici, ghamlu uzu minn marka ta' registrazzjoni xort'ohra minn dik moghtija mill-Awtorita’ dwar xi vettura bil-mutur partikolari:

28. Aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u ċirkostanzi, xjentement laqa’ għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b’qerq, jew akkwistati b’reat sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta;

29. Ukoll talli b' hekk inti ikkommettejt delitt punibbli bi priġunerija waqt perjodu operattiv ta' sentenza sospiża liema sentenza saret definittiva u ma tistgħax tiġi mibdula:

30. Għar-rigward ta’ Stephen Galea waħdu, talli ikkommetta delitt pubibbli bi priġunerija waqt perijodu operattiv ta’ żewġ sentenzi sospiżi mogħtija nhar it-12 ta’ Marzu 2019 mill-Qorti tal-Maġistrati Malta preseduta mill-Maġistrat Dr Fracensco Depasquale, liema sentenzi huma definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex tapplika mutatis id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 5 ta' l-Att kontra l-Money Laundering, Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 23A (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija wkoll ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tordna lill-ħatja jħallsu d-danni ai termini ta' l-Artikolu 532A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u għall-ħlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semgħet lill-imputati waqt l-eżami jwieġbu li mhux ħatja tal-akkużi;

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tat-22 ta’ Mejju 2023 fejn, għall-finijiet tal-Artikolu 370(3)(a) tal-Kodici Kriminali, indika l-artikoli tal-liġi li abbażi tagħhom, hemm maħsub li tista’ tinstab ħtija, u ċioe`:

(a) fl-artikoli 308, 309, 310(1)(a) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(b) fl-artikoli 308, 309, 310(1)(b) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(c) fl-artikoli 308, 309, 310(1)(b) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta,

(d) fl-artikolu 308, 309, 310(1) (b) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(e) fl-artikoli 308, 309, 310(1)(b) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(f) fl-artikolu 48A tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(g) fl-artikoli 183 u 184 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

(h) fl-arikoli 42, 43, 261(f)(g), 270, 271,281(b), 467(2) reż applikabbli għal proceduri odjerni permezz tal-artikolu 525(3) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(i) fl-artikolu 15 (1A) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta u fl-artikolu 42, 43 u 467(2) reż applikabbli għal proceduri odjerni permezz tal-artikolu 525(3) tal-Kodici kriminali Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(j) fl-artikolu 334 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(k) fl-artikolu 42,43, 261 (f)(g), 270, 271, 281(b), 467(2) reż applikabbli għal proceduri odjerni permezz tal-artikolu 525(3) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

(l) fl-artikolu 15(1A) tal-Ordinanza dwar ir- Regolament tat-Traffiku, Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta u fl-artikolu 42,43 u 467(2) reż applikabbli għal proceduri odjerni permezz tal-artikolu 525 (3) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

(m) fl-artikolu 334 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

(n) fl-artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Fil-konfront ta' Jason Zammit waħdu**

(o) fl-artikoli 308, 309, 310(1)(a) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(p) fl-artikoli 308, 309, 310 (1)(b) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(q) fl-artikoli 284, 285, tal-Kodici Kriminali,Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta;

(r) fl-artikoli 42,43, 261(f)(g), 270, 271, 281(b), 467(2) reż applikabbli għal proceduri odjerni permezz tal-arikolu 525(3) tal-Kodici Kriminali Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(s) fl-artikolu 15(1A) tal-Ordinanza draw ir-Regolament tat-Traffiku, Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta u fl-artikolu 42, 43 u 467(2) reż applikabbli għal proceduri odjerni permezz tal-artikolu 525 (3) tal-Kodici Kriminali, kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' malta;

(t) fl-artikolu 334 tal-Kodici Kriminali Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(u) fl-artikolu 28B u 28C tal-Kodici kriminali kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Fil-Konfront ta' Stephan Galea wahdu**

(v) fl-artikolu 28B u 28C tal-Kodici Kriminali Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' ,31 Malta;

**fil-Konfront taz- zewg imputati Stephan Galea u Jason Zammit**

(w) fl-17, 18, 23, 23B, 23C, 31, 532A u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Semgħet lill-imputati waqt l-udjenza tal-14 ta’ Settembru 2023 jiddikjaraw li m’għandhomx oġġezzjoni li dawn il-proċeduri jiġu trattati u deċiżi bil-proċedura sommarja minn din il-Qorti bħala Qorti tal-Ġudikatura Kriminali;

Semghet ix-xhieda u rat il-provi kollha, kif ukoll id-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni li ġiet ippreżentata fit-3 ta’ Ottubru 2024;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ippreżentat mid-difensur tal-imputat Jason Zammit fis-27 ta' Novembru 2024;

Rat illi ma ġie ppreżentat ebda nota għall-imputat Stephen Galea entro t-terminu prefiss bid-digriet tat-3 ta' Ottubru 2024;

Rat l-atti kollha;

Rat illi l-kawża giet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

L-imputati qed jiġu akkużati b'diversi kapi ta' frodi taħt l-artikoli 308 u 309 tal-Kap. 9, individwalment kif ukoll flimkien bħala l-awturi, kif ukoll ir-reat ta' serq u falsifikazzjoni, fost reati oħrajn.

**Mill-fatti li joħorġu mill-atti u mill-provi li ġew imressqa mill-Prosekuzzjoni**, jirriżulta illi l-akkużi odjerni nibtu minn allegat serq mill-imputat Jason Zammit ta' żewġ *cheque-books*: wieħed relatat mal-kont bankarju ma' Bank of Valletta p.l.c. intestat lill-kumpannija JFF Limited u l-ieħor relatat mal-kont bankarju ma' Lombard Bank Malta p.l.c. intestat lil Julian Micallef u martu Graziella Micallef. L-imputat Jason Zammit waħdu qed jiġi mixli b'din is-serqa u qed jiġi mixli wkoll li qarraq b'diversi persuni meta uża biex iħallas għax-xiri ta' materjal u merkanzija oħra, uħud minn dawn iċ-*cheques* misruqin. Imbagħad, iż-żewġ imputati flimkien qed jiġu mixlija li qarrqu b'terzi persuni oħrajn bl-użu f'diversi okkazjonijiet separati, ta' *cheques* oħrajn miċ-*cheque-books* misruqin, liema *cheques* intużaw biex iħallsu bihom għax-xiri ta' oġġetti iżda ma kienux ġew imsarrfin.

Il-Qorti għalhekk sejra tibda biex tistabbilixxi l-fatti konċernanti l-allegat serq taż-żewġ *cheque-books* u l-ħtija o meno tal-imputat Jason Zammit għal din is-serqa

għaliex kif rajna, l-akkużi dwar frodi huwa marbutin mal-ħlas li sar in segwitu bl-użu ta' *cheques* provenjenti mill-imsemmija żewġ *cheque-books* allegatament misruqin.

**Julian Micallef** xehed illi għall-ħabta tal-20 ta' April 2019 kien ftiehem ma' Jason Zammit, l-imputat, biex ibiegħlu vann Transit ta' lewn abjad li kellu l-pjanċi 'NUVOLE', li huwa l-isem tan-negozju u l-ħwienet tiegħu. Kienu ftiehmu fuq prezz ta' €2,400 u kien ħallsu nofsu, bil-patt li jħallsu l-bilanċ fi żmien ħmistax meta jiġi jiġbru. Il-vann kellu bżonn xi manutenzjoni għaliex ma kienx fi stat tajjeb u wara xi erbat ijiem Jason kien ċempillu biex jitolbu jieħu l-vann ġewwa l-garaxx tiegħu biex jibda jaħdem fuqu. Hu kien aċċetta bil-kundizzjoni li jżomm il-pjanċi u l-logbook huwa stess sakemm jitħallas il-kumplament tal-prezz kif miftiehem. Kien għalhekk mar fil-garaxx tiegħu l-Fgura fejn iltaqa' ma' Jason Zammit u beda jneħħi xi kaxxi li kien hemm ġol-vann biex ipoġġihom fil-garaxx sabiex Jason ikun jista' jieħu l-vann. Jason Zammit kellu persuna oħra miegħu u kienu għenuh iħott il-kaxxi minn ġol-vann u mbagħad Jason kien saq il-vann lejn Ħal Tarxien fejn kellu l-garaxx tiegħu. F'dawn il-kaxxi kien hemm ħafna karti antiki tan-negozju tiegħu inkuż kontijiet tal-kumpannija, fosthom xi *cheque-book*s li ma kienx għadu jużahom. Xehed illi wieħed minn dawn ic-*cheque-books* kien ta' kont bankarju personali li huwa kellu ma' Lombard Bank (Malta) plc, u l-ieħor kien tal-kont tal-kumpannija tiegħu JFF Limited ma' Bank of Valletta plc, liema kumpannija kienet topera n-negozju 'Nuvole'[1].

Julian Micallef xehed ukoll illi fl-10 ta' Mejju 2019, kien għamel kuntatt miegħu ċertu Charlet Abela fejn infumah illi ż-żewġ *cheque*s li kienu nħarġu mill-kont bankarju ta' '*JFF Limited FBC*', u li ntużaw għall-ħlas tal-batteriji li kienu nxtraw mingħandu minn terza persuna, ma kienux issarrfu. Julian Micallef qal illi peress li ma kien xtara ebda batteriji u anke l-firma fuq ic-*cheques* li wrieh Chalet Abela, ma kienetx la tiegħu u lanqas ta' martu, kienu marru flimkien l-Għassa biex jirrapportaw is-serq tac-*cheque-book* tal-kumpannija[2] u l-fatt li ma kienx hu li ħareġ u ffirma c-*cheques* li

[1] Graziella Micallef ukoll xehdet illi dawn ic-cheque books kienu tefgħuhom ġo kaxxi meta ġew biex iġorru mill-Fgura għas-Siġġiewi, u kienu ġarrew dawn il-kaxxi bil-vann (li kellu l-pjanċi 'Nuvole') li ġie mibjugħ lil ċertu Jason.
[2] Ara rapport Dok. YF5 u xhieda ta' PC 206 Mario Barbara, 6 ta' Jannar 2021.

ntużaw biex jitħallas Charlet Abela.  Xehed ukoll illi sa dak l-istadju ma kienx għadu irrejalizza li c-*cheque-book* tal-kumpannija kien ġie misruq.

Julian Micallef ikkonferma illi filwaqt li ż-żewġ *cheque*s (Dok. YF7[3]) huma *cheque*s li nħarġu mic-*cheque-book* tal-kont ta' JFF Limited, il-firma li tidher fuqhom m'hijiex il-firma tiegħu u lanqas il-kitba fuq ic-*cheques* u ma jafx ta' min huma l-firem.

Fl-istess żmien kien għamel kuntatt miegħu wkoll il-manager ta' Lombard Bank, u qallu li kienu ssarrfu tliet *cheques* mill-kont personali tiegħu u ta' martu[4], iżda in segwitu reġgħu iddepożitaw il-flus fil-kont għaliex kienu intebħu li l-firma ma kienetx tikkorrispondi mal-firma tiegħu jew il-firma ta' martu.  Julian Micallef għaraf ic-*cheques* Dok. YF13[5] bħala *cheques* li nħarġu mic-*cheque book* tal-kont personali tiegħu u ta' martu ma' Lombard Bank iżda l-firem fuq dawn ic-*cheques* m'humiex tiegħu u lanqas ma kien kiteb il-kliem u numri li jidhru fuq in-naħa ta' wara tagħhom[6]. Fil-fatt, in-numri tal-VAT miktubin fuq in-naħa ta' wara ta' dawn ic-*cheques* ma jappartjenux lilu jew in-negozju tiegħu.  Ikkonferma li qatt ma ra dawn ic-*cheques* qabel, qatt ma xtara xejn mingħand Vella Mechanical Services jew PTR Machinery u l-kumpannija JFF Limited ma għandhiex impjegati jisimhom J. Pace u fi kwalsiasi każ eskluda li kien jibgħat l-impjegati jixtru għall-kumpannija.

Hemmhekk huwa rrejalizza li xi ħadd kien seraq ic-*cheque books* li kienu fil-vann li biegħ lil Jason Zammit u mar jagħmel rapport ieħor fl-Għassa tal-Pulizija taż-Żejtun[7].

---

[3] Paġna 60 tal-atti tal-kompilazzjoni.

[4] *Cheques* bin-numru 986, 988 u 989 – ara kopja awtentikata tat-tliet cheques Dok. AS2, Dok. AS3 u Dok. AS4.

[5] Paġna 70 tal-atti tal-kompilazzjoni.  Dawn ic-cheques huma l-istess cheques bħal dawk li kopja vera tagħhom ġiet esebita minn rappreżentant Lombard Bank p.l.c. Dok. ET2, Dok. ET3 u Dok. ET4.

[6] Julian Micallef ikkonferma wkoll illi cheques Dok. YF30 (maħruġ lil PTR Machineri), YF50 (cheque maħruġ lil KPĦ) u Dok. YF53 (cheque li ngħata lil Alfred Muscat biex jiġi msarraf), ma ħariġhomx hu.  Dawn ic-cheques huma l-istess cheques bħal dawk li kopja vera tagħhom ġiet esebita minn rappreżentant Lombard Bank p.l.c. Dok. ET2, Dok. ET3 u Dok. ET4.

[7] Rapport 24 ta' Mejju 2019, ara xhieda ta' PC 206 Mario Barbara.  Elvin Tabone in rappreżentanza ta' Lombard Bank Malta p.l.c. xehed illi c-cheque book ta' Julian u Graziella Micallef kien ġie rapportat misruq u esebixxa Dok. ET1.

**L-imputat Jason Zammit**, waqt l-interrogazzjoni tiegħu, stqarr illi huwa minnu li huwa kien xtara vann abjad tal-għamla Ford Transit mingħand Julian Micallef u jaqbel illi l-vann kien ġabulu ħdejn il-garaxx fejn jaħdem ġewwa Ħal Tarxien u li Julian Micallef kien ħallielu ċ-ċwievet tal-vann. Jaqbel ukoll li l-pjanċi personalizzati tal-vann ('Nuvole') kien ħadhom Julian u għalhekk il-vann kien bla pjanċi. Qal ukoll illi l-vann ma setax jinstaq għaliex kien bla rota u ma kienx jistartja lanqas, u sostna li għalhekk dejjem baqa' fl-istess post fejn kien ħallihulu Julian Micallef. Kien hemm ukoll ħafna karti mixħutin fil-kabina, fuq is-seat u taħt id-dashboard, iżda sostna li dawn il-karti Julian Micallef kien qallu biex iħallihom fil-vann u jiġborhom meta jġiblu pjanċi ġodda l-ġimgħa ta' wara. Saħaq ukoll illi ftit ġranet wara, kien qabbad lil ċertu Josef Mifsud biex inaddaf il-vann, meta ċ-ċwievet kienu għadhom fil-vann, u kien qala' l-injam li kien hemm fuq wara. Lil Josef tah ukoll baskett biex jiġbor il-karti kollha li kien hemm fil-vann biex jista' jgħaddihom lil Julian Micallef u hu kien żamm dan il-baskett. Ma jafx kienx hemm *cheque books* fost dawn il-karti u ma kienx ra *cheque books*[8]. Imbagħad bagħtu għalih il-Pulizija u ma reġgħex iltaqa' ma' Julian Micallef biex jagħtih il-karti u jħallsu l-bilanċ tal-prezz tal-vann għaliex Julian baqa' qatt ma għamel kuntatt miegħu u mbagħad ġie arrestat.

Qal ukoll li kien Josef Mifsud li naddaf il-vann Ford Transit fuq struzzjonijiet tiegħu u kien ġabar il-karti kollha li kien hemm fuq ġewwa, iżda ammetta li meta naddaf il-vann, il-vann diġa' kien poġġielu batterija ġdida.

Ċaħad speċifikatament illi l-kitba fuq xi wieħed mic-*cheques* li nħarġu mill-kont bankarju ta' JFF Limited ma' Bank of Valletta p.l.c. u ntużaw biex jitħallsu Charlet Abela u l-Ko-operattivi Produtturi tal-Ħalib (KPĦ), hija tiegħu, u sostna li qatt ma kien ra dawn ic-*cheques* qabel. L-istess ic-*cheques* li nħarġu mill-kont bankarju ta' Julian Micallef u Graziella Micallef ma' Lombard Bank (Malta) p.l.c. Saħaq illi jekk intużaw *cheques* ta' JFF Limited, kien l-istess Josef Mifsud li kien naddaf il-vann Ford Transit mhux hu.

---

[8] Fl-istqarrija tat-2 ta' Awissu 2019, Jason Zammit qal li kien qabbad ukoll lil Charlotte Zammit, omm Liam Debono, biex tiġbor il-karti mill-vann.

L-imputat Jason Zammit innega wkoll waqt l-interrogazzjoni illi huwa qabbad lill-ko-imputat, Stephen Galea, biex jixtri xi merkanzija bic-*cheques* li kienu fil-vann Ford Transit iżda stqarr li huwa kien jiġi l-garaxx tiegħu flimkien ma' Josef Mifsud u Liam Debono u ommu, għalkemm qatt ma tah kunfidenza u qatt ma qabbdu lanqas biex imur jiġborlu x-xogħol b'xi vann. Madankollu, qal li Stephen Galea kien flimkien ma' Liam Debono meta mar jaqta' ċ-ċavetta tal-vann Ford Transit. Ammetta wkoll li kellu jieħu l-flus mingħand il-ko-imputat, Stephen Galea, għaliex kien biegħlu karozza u ma kienx ħallsu.

Ikkunsidrat;

Ir-rabta bejn dawn iż-żewġ *cheque books* u l-imputat Jason Zammit hija stabbilita mill-fatt illi dawn kienu fost il-karti u dokumenti li kienu fil-vann qabel dan ġie trasferit lill-istess imputat li kien għen lil Julian Micallef biex ibattal il-vann mill-kaxxi kontenenti d-dokumenti, iżda mhux hekk biss. Ir-rabta bejn l-imputat Jason Zammit u c-*cheques* li ntużaw biex iqarrqu b'diversi persuni hija wkoll stabbilita konklussivament mill-provi u dan kif ser jingħad iktar 'il quddiem.

Fil-fehma tal-Qorti, il-verżjoni tal-imputat Jason Zammit dwar il-karti li tħallew fil-vann ma għandhiex mis-sewwa. Tabilħaqq Julian Micallef xehed illi huwa kien ħatt il-kaxxi kollha mill-vann għal ġol-garaxx tiegħu il-Fgura qabel għadda l-vann lill-imputat Jason Zammit, u li Jason Zammit u persuna oħra li kienet miegħu kienu għenuh biex ineħħi il-kaxxi bid-dokumenti minn ġol-vann. Il-Qorti tqis li m'huwiex verosimili li ġaladarba l-pussess materjali tal-vann kien ser jgħaddi lix-xerrej, u l-partijiet kienu ltaqgħu sewwasew biex il-vann jitbattal qabel jiġi trasferit il-pussess, jitħallew karti tan-negozju tal-bejjiegħ fil-pussess ta' barrani.

B'zieda ma' dan il-fatt illi minn eżami tar-riċevuta li nħarġet fit-2 ta' Awwissu 2019, iffirmata mill-imputat Jason Zammit[9], jirriżulta li fil-garaxx tal-istess imputat ġewwa Garage No. 18, Triq il-Vittmi tal-Gwerra, Tarxien, instabu u ġew elevati, fost oġġetti oħrajn, "*one envelope addressed to JFF Limited*" u "*Six invoices from JFF Limited to various companies dated 4th and 6th December 2018*" u "*One license cutout from Transport Malta regarding vehicle BBS767 in the name of Julian Micallef*". Għalkemm dawn id-dokumenti (indikati fir-riċevuta Dok. GF12) baqgħu qatt ma ġew esebiti materjalment jew xort'oħra fl-atti proċesswali, l-indikazzjoni fir-riċevuta li nstabu u ġew elevati numru ta' dokumenti ta' JFF Limited u Julian Micallef mill-pussess ta' Jason Zammit, tikkostitwixxi prova li l-imputat kien fil-pussess ta' xi dokumenti ta' Julian Micallef u ta' JFF Limited kif ukoll indizzju qawwi ħafna li dawn kienu ttieħdu minn ġewwa l-vann li l-istess Julian Micallef kien għadda lill-imputat.

Stabbilit dan, għandu jingħad ukoll illi jekk tassew dawn id-dokumenti kienu tħallew fil-vann u l-imputat kellu jitwemmen meta qal li qabbad lil persuni oħrajn biex ibattlu l-vann u jpoġġu l-karti ġo borża sewda, kieku l-Pulizija meta wettqu t-tfittxija tal-garaxx ta' Jason Zammit fit-2 ta' Awwissu 2019[10], kienu jsibu mhux biss sitt invoices, liċenza u envelope appartenenti lil JFF Limited u Julian Micallef, iżda kienu jsibu l-borża b'kwantita' konsiderevoli ta' dokumenti u karti li skont l-imputat Jason Zammit kienu mxerrdin fil-kabina tal-vann u taħt id-dashboard, tant illi l-imputat stqarr li kellu jqabbad żewġ persuni biex ineħħu l-karti kollha minn ġewwa l-vann. Kif ingħad diġa', huwa minnu li l-Prosekuzzjoni baqgħet ma esebietx fil-provi proċesswali id-dokumenti u oġġetti li ġew elevati waqt it-tfittxija li saret fil-garaxx tiegħu fit-2 ta' Awwissu 2019 biex jiġi stabbilit jekk ic-*cheque book* ta' Lombard Bank u c-*cheque book* ta' Bank of Valletta elenkati fir-riċevuta Dok. GF12 u li nsabu fil-garaxx, humiex ic-*cheque books* ta' Julian Micallef jew ta' JFF Limited, iżda għall-Qorti – għalkemm dan kien nuqqas mhux negliġibbli tal-Prosekuzzjoni - il-fatt li nsabu biss ftit dokumenti u żgur mhux il-kwantita' li ddeskriva l-imputat fl-istqarrija tiegħu, ikompli jimmilita kontra l-kredibbilita' tal-verżjoni tiegħu.

[9] Dok. GF12, esebita milll-Ispettur George Frendo.
[10] Ara xhieda ta' Shawn Spiteri, ex-PC 1535, 9 ta' Novembru 2022.

Hawnhekk, il-Qorti tqis li jkun opportun li tiġi investigata u stabbilita r-rabta bejn l-imputat Jason Zammit u l-ħlasijiet li saru b'*cheques* appartenenti lill-kontijiet bankarju ta' Julian Micallef u JFF Limited għaliex rabta bħal dik tista' biss tkompli ssaħħaħ il-konvinċiment tagħha illi Jason Zammit kien fil-pussess ta' dawn ic-*cheques* sewwasew għaliex kienu hu seraqhom minn ġol-vann li xtara mingħand Julian Micallef.

Ikkunsidrat;

Mill-provi jirriżulta illi fit-3 ta' Mejju 2019 Charlet Abela, li jopera negozju bl-isem 'Andrew's Garage' fiż-Żejtun, irċieva telefonata min-numru 79372319 fuq il-mobile phone tiegħu bin-numru 79255975 fejn il-persuna li ċempel beda jsaqsih dwar il-prezz u l-qisien tal-batteriji u ftiehmu dwar l-ordni ta' xi ħmistax-il batterija bil-prezz ta' €3,000. L-istess Charlet Abela xehed quddiem il-Qorti illi l-għada s-Sibt, 4 ta' Mejju 2019, ċertu Josef Mifsud, li ma kienx il-persuna li kien ċempel biex jordna l-batteriji, ġie biex jgħabbi l-batteriji u hu għenu jgħabbihom gol-vann li kien ġie bih, Ford abjad bil-pjanċi sofor tal-Ingilterra.

Dawn il-pjanċi, bin-numru AV07 SLU, jidhru fir-ritratt formanti parti minn Dok. YF9[11] u fir-ritratt esebit mill-istess Charlet Abela (Dok. CA1), meħud mill-filmat ta' stabbiliment viċin l-uffiċċju tiegħu, fejn jidher li vann li ġie bih jgħabbi l-batteriji l-imsemmi Josef Mifsud. Mill-provi jirriżulta li dawn il-pjanċi jappartjenu lill-vann Ford Connect li l-imputat Jason Zammit kien xtara mingħand Stephen Galea[12], skont kif jirriżulta mix-xhieda tal-istess Stephen Galea u d-dokumenti esebiti minnu (Dok. SG1, SG3)[13].

Jason Zammit ammetta huwa stess illi fir-ritratti li ġew murija lilu waqt l-interrogazzjoni, kien jidher li l-vann Connect għand Charlet Abela u jaqbel illi

[11] Paġna 63 tal-atti tal-kawża.
[12] Mhux il-ko-imputat Stephen Galea iżda persuna differenti.
[13] Ara paġni 837 u 838 tal-atti tal-kawża.

dakinhar il-vann kellu pjanċi mhux Maltin, iżda pjanċi bojod u sofor. Jaqbel ukoll illi dan il-vann kien xtrah mingħand ċertu Stephen Galea biex dan jerġa' jinbiegħ lil ċertu Kenneth minn Birkirkara u kien qed jagħmel xogħol ta' manutenzjoni fuq dan il-vann qabel jgħaddih għand ix-xerrej finali. Il-vann Connect kien għaddih lil Kenneth fil-preżenza tal-bejjiegħ Stephen Galea fis-6 jew is-7 ta' Mejju 2019 u t-transferiment tal-log book f'isem Kenneth saħr fl-20 ta' Mejju 2019[14].

Charlet Abela kkonferma wkoll li meta ġie jgħabbi l-merkanzija, Josef Mifsud tah *cheque* li kien diġa' mimli u ffirmat, fis-somma ta' €3,000[15] u kien għenu jgħabbi l-ordni fil-vann iżda dak il-ħin, Josef Mifsud qallu li ried iżid mal-ordni u jordna iktar batteriji. Kien ħallas għall-batteriji li kien ordna żejjed b'cheque ieħor li kien diġa' ffirmat u l-bqija tac-*cheque* kien imtela minnu stess dak il-ħin bid-data 4 ta' Mejju 2019 u bl-ammont ta' €2,020. Iż-żewġ *cheque*s kienu ta' '*JFF Limited FBC*' ma' Bank of Valletta p.l.c.

Charlet Abela xehed ukoll illi nhar it-Tnejn ta' wara, missieru kien mar il-bank biex jiddepożita ż-żewġ *cheque*s fil-kont bankarju tan-negozju tagħhom, iżda dawn intbagħtu lura mill-Bank ftit ġranet wara għaliex ma ssarrfux minħabba li ma kienx hemm fondi fil-kont[16]. Għalhekk huwa kien mar fl-indirizz ta' JFF Limited fejn sab lil Julian Micallef, is-sid tal-kumpannija, li qallu li qatt ma xtara batteriji u lanqas għandu dgħajsa.

Illi minn dan kollu, il-Qorti tqis li huwa ppruvat sodisfaċjentement illi c-*cheques* li ntużaw biex jitħallas bihom Charlet Abela kienu *cheques* provenjenti mic-*cheque-book* li kien ġie misruq mill-pussess ta' Julian Micallef u huwa ppruvat ukoll li la Julian Micallef u lanqas Graziella Micallef ma kienu ffirmaw xi wieħed miż-żewġ *cheques* ippreżentati għall-ħlas lil Charlet Abela[17].

---

[14] Dan kollu ġie konfermat minn Stephen Galea fix-xhieda tiegħu, 8 ta' Jannar 2020.
[15] Cheque bin-numru 485; in-naħa ta' fuq f'Dok. YF7, paġna 60 tal-atti tal-kawża.
[16] Kopja ta' dawn ic-cheques bin-numru 485 u 486 (fost cheques oħrajn) ġew esebiti minn Dr. Cinzia Azzopardi Alamango in rappreżentanza ta' Bank of Valletta plc – Dok. CAA4 u Dok. CAA5, paġna 1237 u paġna 12238 tal-atti proċesswali.
[17] Ara wkoll ix-xhieda ta' Graziella Micallef, 29 ta' Ottubru 2019, Dok. YF7.

Hija sodisfatta wkoll illi hija stabbilita rabta konklussiva bejn l-imputat Jason Zammit u c-*cheques* falsifikati ta' JFF Limited li Josef Mifsud ħallas bihom il-prezz tal-batteriji li nxtraw mingħad Charlet Abela, anke minħabba l-użu fuq il-vann li kien intuża biex jitgħabbew il-batteriji, tal-istess pjanċi li kienu fuq il-vann Ford abjad ta' Stephen Galea li kien fil-pussess tal-imputat fl-istess żmien.

Dan kollu qed jingħad mingħajr qies tal-fatt illi l-imputat innifsu fl-istqarrija li rrilaxxa meta ġie interrogat fis-26 ta' Mejju 2019, sostna li kien qabbad lil Josef Mifsud biex jaħdimlu wara li kien qallu li jagħmel xogħol ta' maintenance fuq dgħajjes u kien tah in-numru ta' 'Charlo', li ġie li kien xtara batteriji tad-dgħajjes mingħandu, biex jekk ikollu bżonn ix-xogħol jista' jixtri mingħandu direttament. Dan hu affermat minn Charlet Abela nnifsu li għaraf lill-imputat Jason Zammit minn fuq il-pedana tax-xhieda bħala persuna li kien jafu bħala impjegat tal-kumpannija Bilom, li hija klient tan-negozju tagħhom, u ġie li kien jiġi bħala ħaddiem tal-Bilom biex jgħabbi ordnijiet ta' batteriji. Mix-xhieda ta' Dr. Marie Elise Agius[18] jirriżulta illi l-imputat Jason Zammit tassew kien impjegat mal-kumpannija Bilom Construction Limited bejn l-2011 u Marzu 2019 meta l-impieg tiegħu ġie mitmum għal raġunijiet dixxipplinarji.

Għall-kompletezza, il-Qorti ma tqisx li l-verżjoni tal-imputat Jason Zammit, li huwa ma kellux x'jaqsam mac-*cheques* falsifikati ta' JFF Limited li kienu ngħataw minn Josef Mifsud bi ħlas lil Charlet Abela u li dawn ic-*cheques* setgħu nsterqu biss minn Josef Mifsud meta kien neħħa l-karti mill-vann ta' Julian Micallef, hija verosimili. Wara kollox, l-imputat innifsu stqarr li huwa kien iqabbad lil Josef Mifsud biex jagħmillu xi xogħol u li meta l-istess Josef Mifsud kien mar jixtri l-batteriji mingħand Charlet Abela, huwa kien silfu l-vann li kien xtara mingħand terzi. Iżda mhux hekk biss: il-provi jistabbilixxu konnessjoni bejn l-imputat Jason Zammit u c-*cheques* li nsterqu mill-pussess ta' Julian Micallef f'diversi istanzi oħrajn fejn dawn ic-*cheques* intużaw biex tinxtara merkanzija mingħand terzi.

[18] Xhieda tat-18 ta' Novembru 2023 u Dok. MEA1.

Ikkunsidrat

Illi l-konnessjoni bejn Jason Zammit u c-*cheques* misruqin mill-pussess ta' Julian Micallef hija ulterjorment imsaħħa mill-fatt illi Julian Micallef, fix-xhieda tiegħu, għaraf pożittivament il-vann abjad bil-pjanċi EVP-333 li jidher fir-ritratti Dok. YF20[19] bħala vann Ford Transit li kien biegħ lil Jason Zammit, b'mod partikolari minħabba l-marka fuq is-saqaf tal-kaxxa li kien neħħa fuq talba ta' Jason Zammit għaliex kienet kollha sadid[20]. Ir-ritratti in kwistjoni ġew estrapolati mill-filmati tal-camera fl-istabbiliment tal-kumpannija PTR Machinery ġewwa r-Rabat[21]. Dan il-vann intuża sabiex jitgħabba fih ix-xogħol, konsistenti f'diversi għodda, li nxtara mingħand l-imsemmija kumpannija b'*cheque* ta' JFF Limited. Dan ic-*cheque*, li inħareġ favur PTR Machinery għall-prezz ta' €3,405, ma kienx ġie msarraf u l-kumpannija baqgħet qatt ma rċeviet il-flus tal-għodda li nxtraw bl-istess cheque.liema cheque baqa' ma ġiex imsarraf.

Iktar minn hekk:-

- Paul Micallef, id-direttur tal-kumpannija PTR Machinery, xehed illi darba minnhom kien is-Sibt, kien wieġeb it-telefon fix-showroom tal-kumpannija, bil-linja 21453160 fejn min kien ċempel qallu li qed iċempel għan-nom ta' JFF Limited u beda jistaqsi għal ħafna prezzijiet ta' generators u għodda oħra. Jirriżulta mix-xhieda illi iktar tard din il-persuna kien reġa' ċempel fejn wieġbu l-impjegat, Brian Farrugia, u kkonferma l-ordni u ngħata l-prezz totali tal-ordni. Il-klient qal li kien ġej biex jiġbor ix-xogħol fil-11.00 a.m.[22] Paul Micallef kien preżenti meta ġie raġel li qallu li huwa minn JFF Limited biex

[19] F'paġna 97 tal-atti tal-kawża.
[20] Ippreċiża iżda, illi l-pjanċi EVP-333 li jidhru fuq il-vann fir-ritratti, m'humiex tiegħu u qatt ma kellu konnessjoni ma' dawn il-pjanċi.
[21] Ara xhieda ta' Paul Micallef.
[22] Ara xhieda ta' Brian Farrugia, 1 ta' Diċembru 2020.

jiġbor ix-xogħol huwa identifika bħala l-imputat Stephen Galea[23], li kien tah cheque ta' JFF Limited li kien diġa' mimli u ffirmat, kien għenu jgħabbi x-xogħol fil-vann (Dok. YF20[24]). Għalkemm kien talbu l-karta tal-identita' bħala forma ta' identifikazzjoni, huwa qal li ma kellux identifikazzjoni fuqu u għalhekk kien niżżel in-numru ta' reġistrazzjoni tal-vann li kien ġie jgħabbi x-xogħol fih. Din il-persuna kienet iffirmat fuq id-dokument tal-garanzija tal-għodda li nxtraw, bħala 'J. Pace'[25].

- Barra minn hekk, il-provi juru wkoll illi fid-9 ta' Mejju 2019 għall-ħabta tas-1.00 p.m. żewġ persuni, li kienu rekbin f'vann Transit abjad, marru fl-uffiċini tal-Ko-operattiva Produtturi tal-Ħalib (KPĦ) ġewwa Triq Garibaldi, Marsa, fejn ħallsu għal mija u għoxrin[26] xkora ġwież b'*cheque* ta' JFF Limited datat 9 ta' Mejju 2019 fis-somma ta' €1,125.60[27]. Kopja ta' dan ic-*cheque*, esebita minn Carmelo Vella (Dok. CV1)[28], intgħarfet minn Julian Micallef fix-xhieda tiegħu bħala *cheque* maħruġ mic-*cheque-book* tal-kumpannija tiegħu, JFF Limited u kkonferma li dan ic-*cheque* ma kienx ġie maħruġ minnu u lanqas iffirmat minnu[29].

Il-Qorti rat il-filmat Dok. YF47[30] u l-fotogrammi Dok. YF48 u setgħet tagħraf illi l-vann abjad li marru bih iż-żewġ persuni li xtraw il-prodotti mill-ħanut tal-KPĦ fid-9 ta' Mejju 2019 huwa l-istess vann tal-għamla Ford Transit li Julian

---

[23] Stephen Galea fl-istqarrija tiegħu ammetta li kien mar għand Pawlu tar-Rabat (PTR) u saħaq li kien mar għaliex kien bagħtu Jason peress li kien l-imgħallem tiegħu.

[24] Dan huwa l-istess cheque bħal Dok. CAA2 (kopja vera tal-oriġinal ippreżentat minn rappreżentant Bank of Valletta p.l.c.), f'paġna 1235 tal-atti (cheque bin-numru 484).

[25] Ara Dok. YF 17, paġna 79 u paġna 80 tal-atti proċesswali u xhieda ta' Paul Micallef, 29 ta' Awwissu 2019.

[26] Ara cash sale, Dok. YF49, paġna 359 tal-atti proċesswali.

[27] Ara cash sale Dok. CV2, *ibid*.

[28] Kopja ta' *cheque* li hija identika għall-kopja tac-cheque esebita mir-rappreżentant ta' Bank of Valletta plc., Dr. Cinzia Azzopardi Alamango – Dok. CAA6.

[29] Mark Said, il-persuna li kien irċieva c-*cheque* mingħand il-persuna li kienet xtrat il-ġwież mill-Ko-operattiva fid-9 ta' Mejju 2019, għaraf il-kitba tiegħu fic-*cheque* Dok. CV1 u xehed li ċ-ċifri kif ukoll il-kliem u l-ammont taċ-*cheque* li kien ġie jħallas bih il-persuna li ġiet tixtri l-ġwież fid-9 ta' Mejju 2019, imtlew minnu stess, u kiteb ukoll l-isem tal-kumpannija ('KPH') u s-somma ta' €1,125.60. Dan hu l-istess cheque li jidher f'Dok. CAA6, f'paġna 1239 tal-atti, fis-somma ta' €1,125.60 maħruġ lil 'KPH'.

[30] Carmelo Vella, accounts administrator ta' KPĦ, ikkonferma fix-xhieda tiegħu illi huwa kien għadda l-kopja tal-filmat li kien ġie mniżżel mis-sistema CCTV tal-KPĦ minn Christian Cachia[30], lill-Pulizija. L-Ispettur Christian Abela, li qabel kien PS 251, ikkonferma fix-xhieda tiegħu li kien ġabar il-filmat Dok. YF47 mingħand l-Ispettur Wayne Camilleri u kien ħareġ il-fotogrammi relattivi minnu. Ara wkoll xhieda tal-Ispettur Wayne Camilleri.

Micallef xehed li kien biegħ lil Jason Zammit, għaliex għandu l-marka fuq is-saqaf tal-kaxxa li kienet tneħħiet[31]. Huwa minnu li l-vann jidher barra l-istabbiliment tal-KPĦ bi pjanċi differenti minn dawk li kellu ħamest ijiem qabel, iżda jirriżulta illi l-pjanċi EVP-333 ma jappartjenux lill-vann li kien ta' Julian Micallef għaliex dawn kienu ġew misruqin mill-vettura ta' Edmond Vella bejn l-4 u l-5 ta' Mejju 2019 waqt li din kienet ipparkjata ġewwa Raħal Ġdid[32].

Barra minn hekk, il-Qorti setgħet tagħraf ukoll fil-filmat u l-fotogrammi immarkati (c) u (e) li jifformaw parti mis-sett ta' ritratti Dok. YF48, li l-wiċċ u l-istatura ta' waħda mill-persuni li kienu fil-vann li fih tgħabbew l-ixkejjer tal-ġwież li xtraw mingħand KPĦ, jixħbu ħafna lill-imputat Jason Zammit li ilha tarah quddiemha regolarment fuq perijodu ta' iktar minn ħames snin. Jason Zammit intgħaraf ukoll fl-istess filmati mis-Superintendent Trevor Micallef li kien qed jinvestiga lil Josef Mifsud in konnessjon ma' dan l-istess każ, bħala l-persuna l-oħra li kien mar jiġbor il-ġwież flimkien mal-imsemmi Josef Mifsud[33].

Fuq kollox iżda, jirriżulta mill-*call-log* tal-linja bin-numru 79999931 li *ex admissis* huwa tal-imputat Jason Zammit, illi fid-9 ta' Mejju 2019 huwa kien għamel telefonati bejn il-ħin ta' 12:44h u l-ħin ta' 13:10h minn ġewwa l-Marsa, għaliex it-telefonati nqabdu mis-cell tower ta' Super One A28, Industrial Estate, Marsa li jinsab biss pass 'il bogħod mill-uffiċini tal-KPĦ ġewwa Triq Garibaldi, Marsa, f'liema ħinijiet huwa jidher fil-filmat (Dok. YF47) barra l-uffiċini tal-KPĦ juża l-mobile phone: fil-fatt, waħda minn dawn it-telefonati saret fil-ħin ta' 12:59h skont l-istess filmat[34].

---

[31] Fir-ritratt Dok. YF20 Julian Micallef għaraf il-vann li kien qed isuq il-persuna li mar jiġbor il-konsenja ta' merkanzija mingħand PTR Machinery, Rabat, fl-4 ta' Mejju 2019.

[32] Ara xhieda ta' Edmond Vella u xhieda ta' Dr. Christopher Spiteri in rappreżentanza tal-Awtorita' dwar it-Trasport f'Malta (Dok. CS1).

[33] Ara xhieda tas-Superintendent Trevor Micallef.

[34] Dan il-call log jirriżulta mid-data li tinsab fuq CD esebit minn Dr. Anthony Bonnici in rappreżentanza ta' Go p.l.c.

- L-imputat Jason Zammit jispikka wkoll fix-xiri ta' katina mingħand Vella Mechanical Services Limited, liema katina kienet waħda minn ħmistax-il katina li nxtraw permezz ta' *cheque* (bin-numru 986) relatat mal-kont bankarju ta' Julian Micallef u Graziella Micallef ma' Lombard Bank Malta p.l.c., liema *cheque* inħareġ fid-6 ta' Mejju 2019 għall-ammont ta' €7,681.

Jirriżulta mill-provi illi l-ktajjen li nxtraw mingħand Vella Mechanical Services ġew ordnati permezz ta' telefonata b'qisien speċifiċi u dawn ġew ittestjati u mmarkati b'serial number uniku li jinħareġ maċ-ċertifikat tal-ittestjar ta' kull katina[35]. B'hekk kull katina li tkun ġiet mibjugħa tista' tiġi identifikata permezz tas-serial number ittimbrata fuqha[36].

John Mary Vella, direttur ta' Vella Mechanical Services Limited, xehed illi għall-ħabta ta' Mejju 2019 persuna ċemplet fl-uffiċiji tal-kumpannija biex tordna xi xogħol, konsistenti fi ktajjen u wajers li jintużaw biex jerfgħu bihom, u ftit ġranet wara ġiet persuna tgħabbi l-merkanzija. Din il-persuna – li ma kienetx l-istess persuna li ċemplet biex tordna x-xogħol – ġiet tiġbor ix-xogħol b'vann Transit abjad u ġie identifikat minn John Mary Vella bħala l-ko-imputat Stephen Galea. Qal li waqt li kien qed jitgħabba x-xogħol, il-persuna li kienet ċemplet oriġinarjament biex tordna x-xogħol, reġgħet ċemplet u ordnat romblu wajer ieħor. Huwa ġie mħallas permezz ta' *cheque* li ngħatalu mill-imputat Stephen Galea, liema *cheque* imtela mill-iskrivana tal-kumpannija[37] għajr għall-firma għaliex ic-*cheque* kien diġa' ffirmat minn qabel. L-imputat Stephen Galea ffirma wkoll id-dokument Dok. YF26. Dan ic-*cheque* ma ġiex imsarraf u ntbagħat lura mill-bank[38] u l-kumpannija baqgħet qatt ma tħallset għax-xogħol li nbiegħ skont il-cash sale relattiv[39].

---

[35] Dok. YF28. Xhieda ta' John Mary Vella.
[36] Kampjun Dok. YF29. Xhieda ta' John Mary Vella.
[37] Nathalie Vella, li xehdet li c-cheque kien diġa' ffirmat u kienet imleitu hi għall-bqija, inkluż id-data. Xehdet ukoll li l-persuna li ġie jgħabbi x-xogħol kien mgħaġġel ħafna
[38] Dok. YF31.
[39] Dok. Dok. YF27.

Jirriżulta illi in segwitu, waħda minn dawn il-ktajjen, ċioe' l-katina bis-serial number 0519 11 kien inbiegħ mill-imputat Jason Zammit lil Sean Borg[40]. Sean Borg xehed illi kien ġie fuqu persuna li ma kienx jafu qabel, u kien offra li jbiegħlu xi ktajjen, għodda u xi ċineg tal-krejnijiet li kien urihomlu dak il-ħin ġewwa vann abjad. Kien xtara katina mingħand din il-persuna li għarfu bħala l-imputat Jason Zammit, għall-prezz ta' €400 u kien ħallsu permezz ta' *cheque* li kien ħarġu dak il-ħin stess; Sean Borg għaraf dan ic-*cheque* tiegħu bħala dak li jinsab f'paġna 343A tal-atti tal-kompilazzjoni[41] u kkonferma li fuq dan ic-*cheque* huwa kien kiteb id-data 6 ta' Mejju 2019, l-ammont ta' €400 u kien iffirmah iżda kien ħalla l-isem vojt fuq talba ta' Jason Zammit[42]. Kienu skambjaw ukoll in-numru tal-mobile phones tagħhom peress li Jason Zammit kien aċċetta li jibdel din il-katina għal waħda differenti, u kienu ċemplu lil xulxin u ltaqgħu iktar tard dakinhar stess. Sean Borg għaraf il-katina li xtara mingħand Jason Zammit bħala l-katina li tidher fir-ritratt Dok. YF35[43] u kkonferma li din kienet ġiet konfiskata mill-Pulizija li kienu tawh riċevuta[44].

Minn analiżi tal-call logs ipprovduti minn Go p.l.c. dwar telefonati li saru mil-linja bin-numru 79999931 li huwa tal-imputat Jason Zammit, jirriżulta li fis-6 u fis-7 ta' Mejju 2019 tassew kienu saru xi telefonati mill-linja tal-imputat lill-linja bin-numru 79260830 li huwa reġistrat fuq Sean Borg[45].

John Mary Vella xehed illi l-katina li tidher fil-barmil fir-ritratt (Dok. YF35) hija katina li kienet saret mill-kumpannija tiegħu u għarafha mis-serial number 0519 11 ittimbrat fuqha li jaqbel maċ-ċertifikat maħruġ lill-klient li xtara l-ktajjen fis-6 ta' Mejju 2019, liema katina kienet waħda minn dawk li inbiegħu

[40] Din il-katina instabet fil-pussess tal-istess Shaun Borg, ġiet esebita materjalment fl-atti tal-kompilazzjoni (Dok. YF64 – KA 321/2019).
[41] Parti minn Dok. YF39. Għaraf ukoll il-mamma tac-cheque – Dok. YF34, paġna 336 tal-atti.
[42] Jirriżulta wkoll li Sean Borg kien ħallas għall-katina b'cheque bin-numru 86 maħruġ mill-kont tiegħu ma' Bank of Valletta p.l.c., liema cheque issarraf minn ċertu Miriam Borg li xehdet illi hija kienet irċeviet dan ic-cheque mingħand l-imputat Jason Zammit bħala ħlas għal konsenja ta' għalf tal-annimali li kien xtara mingħand żewġha George Borg.
[43] Paġna 337 tal-atti tal-kawża.
[44] Dok. YF36, paġna 338 tal-atti.
[45] Analizi call logs Dok. YF33. Ara xhieda ta' Sean Borg.

lil Stephen Galea fis-6 ta’ Mejju 2019 permezz tal-cash sale li ġie mħallas bic-cheque li ġie misruq mingħand Julian Micallef.

- Il-provi jistabbilixxu wkoll ness konkret bejn l-imputat Jason Zammit u *cheque* mic-*cheque book* ta’ Julian Micallef u Graziella Micallef li ntuża biex jitħallas il-kumpannija Clean Away Services Limited.

  Simon Darmanin, li flimkien ma’ missieru Richard Darmanin jopera negozju bl-isem ‘Clean Away Services’, xehed illi fit-3 ta’ Mejju 2019 kien irċieva telefonata fuq il-mobile phone tiegħu bin-numru 99496620 min-numru 79372319[46] fejn għaraf il-leħen tal-persuna li ċempel bħala leħen ta’ klient tiegħu u diversi drabi kien iċempillu fuq l-istess xorta ta’ negozju, liema persuna kien jafu wkoll meta kien jaħdem ma’ Bilom u Roc-A-Go. Simon Darmanin ikkonferma li din il-persuna hija l-imputat Jason Zammit li ta’ spiss kien jarah ukoll għaddej mit-triq u kien talbu għal stima ta’ xi ktajjen u ċineg u mbagħad kien ikkonferma l-ordni. Madankollu, l-għada 4 ta’ Mejju 2019 ġie raġel ieħor b’vann abjad tal-għamla Transit jiġbor il-merkanzija[47], liema persuna ma kienx l-istess wieħed li kien ċempel u għarfu fl-awla bħala l-ko-imputat Stephen Galea[48], li kien tah *cheque* diġa’ ffirmat bl-ammont f’ċifri mimli wkoll għall-prezz tal-ordni fis-somma ta’ €2,630, datat 4 ta’ Mejju 2019 u maħruġ mill-kont ta’ JFF Limited. Dan ic-*cheque*[49] ma ġiex imsarraf mill-bank u sar rapport fir-rigward fl-Għassa taż-Żejtun fid-19 ta’ Mejju 2019[50].

  L-imputat innifsu, Jason Zammit, ammetta li huwa jaf lil Richard u Simon Darmanin ta’ Clean Away Services għaliex ilu diversi snin jixtri affarijiet

---

[46] Ara CD Dok. AB1, telefonata minn 79372319 lil 99496620, fil-12:44h.

[47] Ordni Dok. YF42, paġna 345 tal-atti. Ara wkoll ritratti tal-ktajjen, Dok. YF44, paġna 349 tal-atti, u xhieda ta’ Dejan Darmanin, li kkonferma li r-ritratti ttieħdu fl-4 ta’ Mejju 2019 ġewwa l-istabbiliment ta’ Clean Away Services.

[48] Stephen Galea ġie wkoll identifikat minn Richard Darmanin bħala l-persuna li ġie jiġbor ix-xogħol ordnat u kien għenu jgħabbih fil-vann Transit.

[49] Cheque oriġinali Dokument RD1, paġna 541A. Ara wkoll kopja ta’ cheque Dok. Y43, paġna 346 tal-atti u kopja vera tal-istess cheque ippreżentat minn rappreżentant Bank of Valletta p.l.c. (Dok. CAA3, paġana 1236 tal-atti).

[50] Ara xhieda ta’ PC 206 Mario Barbara.

mingħandhom għan-negozju tiegħu. Ġie ppruvat ukoll li kif sewwa xehed Simon Darmanin, huwa kien jaħdem ma' Bilom Construction Limited u li fil-passat kien impjegat ukoll ma' Roc-A-Go Limited[51].

Dan kollu magħdud ifisser li l-imputat Jason Zammit kellu sehem materjali fl-ordni tal-merkanzija li kienet tħallset b'*cheque* ta' Julian Micallef u Graziella Micallef, intestat lil Richard Darmanin, mic-*cheque book* li nsteraq minn ġewwa l-vann Ford Transit li huma kienu biegħ lill-istess imputat.

Kollox magħdud, il-Qorti hija moralment konvinta illi l-imputat Jason Zammit kien mhux biss fil-pussess ta' *cheques* miż-żewġ *cheque books* misruqin mingħand Julian Micallef, iżda kien ukoll materjalment involut fis-serq tal-istess *cheque books* li kienu fost il-karti u dokumenti li huwa għen biex jitneħħew mill-vann Ford Transit li kien xtara mingħand Julian Micallef: l-imputat ma kienx biss f'kuntatt mal-kaxxi li kien fihom id-dokumenti inkluż ic-*cheque books* in diżamina, iżda kif rajna l-provi jistabbilixxu wkoll li l-vann li xtara mingħand l-istess Julian Micallef jew vann ieħor marbut mal-istess imputat kienu preżenti fuq il-lok fejn saru t-transazzjonijiet qarrieqa bl-użu tac-*cheques* ta' JFF Limited u Julian Micallef / Graziella Micallef, liema vetturi ntużaw biex jinġarr il-materjal jew il-merkanzija li nxtrat bl-istess cheques misruqin. Kif stabbilit diġa' wkoll, l-imputat Jason Zammit innifsu wkoll deher barra l-uffiċini ta' KPĦ meta saret it-transazzjoni bil-ħlas ta' *cheque* minn dawk misruqa.

Kif taraha l-Qorti, il-presenza tal-imputat Jason Zammit fuq il-lok tas-serq tac-*cheque books* ta' Julian Micallef, u l-involviment materjali tiegħu fl-użu sussegwenti tac-*cheques* misruqin, flimkien isawru prova indizzjarja qawwija li tipponta lejn ħadd ħlief l-istess imputat bħala l-awtur tas-serq tal-istess *cheque books*. Il-fatt illi l-kaxxi kontenenti c-*cheque books* u d-dokumenti ta' JFF Limited u ta' Julian Micallef kienu fil-pussess materjali tiegħu meta kien qed jgħin iġorrhom mill-vann Transit għal ġewwa l-garaxx ta' Julian Micallef, u wkoll il-fatt li għadd żgħir ta' dokumenti oħrajn appartenenti lil Julian Micallef u lil JFF Limited in segwitu ġew misjuba fil-garaxx

[51] Ara Dok. LB1 esebit minn rappreżentant ta' Jobsplus fid-9 ta' Novembu 2022.

tiegħu, ikomplu jsaħħu l-konvinċiment tal-Qorti dwar l-involviment ta' Jason Zammit fis-serq tal-imsemmija *cheque books*. Kemm hu hekk, ma ġie riskonrat xejn fl-atti u l-provi proċesswali li jagħti x'jifhem b'mod raġjonevoli li seta' kien xi ħaddieħor u mhux l-imputat Zammit li kien sposta c-*cheque books* mill-pussess u kontra l-volonta' ta' Julian Micallef, għall-pussess tal-istess imputat u kif diġa' ngħad, diversi *cheques* minn dawn iż-żewġ *cheque books* misruqin baqgħu jiġu assoċjati mal-istess imputat permezz tal-involviment tiegħu f'diversi transazzjonijiet ta' ħlas li saru permezz tagħhom.

Għalhekk kollox magħdud il-Qorti hija moralment konvinta li kien l-imputat Jason Zammit u ħadd iktar li kien seraq ic-*cheque books* minn ġewwa l-vann li xtara mingħand Julian Micallef.

Ikkunsidrat;

Imiss issa li jiġi stabbilit il-ħtija o meno tal-imputat Jason Zammit għar-reat ta' truffa jew frodi nnominata kommess għad-detriment tal-persuni jew entitajiet li mingħandhom inxtraw ħwejjeġ bl-użu tac-*cheques* misruqin mingħand Julian Micallef.

L-imputat qed jiġi mixli bir-reat ta' truffa taħt l-artikolu 308 tal-Kodiċi Kriminali.

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Carmela German** deċiż fit-30 ta' Diċembru 2004, intqal:

*In tema legali gie ritenut minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tat-12 ta' Frar, 1999 fl-ismijiet* ***Il-Pulizija v. Anthony Francis Willoughby*** *li:*

*"Fil-ligi taghna biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi innominata irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf*

*patrimonjali bill-konsegwenti qligh ghall-agent (Il-Pulizija v. Emmanuele Ellul, App. Krim., 20/6/97; ara wkoll Il-Pulizija v. Daniel Frendo, App. Krim., 25/3/94).* ***Dan it-telf hafna drabi jkun jikkonsisti filli l-vittma, proprju ghax tkun giet ingannata, volontarjament taghti xi haga lill-agent*** *(**Il-Pulizija v. Carmel Cassar Parnis**, App. Krim., 12/12/59, Vol. XLIII.iv.1140).* (enfasi ta' din il-Qorti)

Minn dan, u skont kif inhu paċifikatament assodat fil-ġurisprudenza prevalenti in materja, sabiex tinstab ħtija għar-reat ta' truffa jeħtieġ li jinkonkorru diversi elementi. Ibda biex irid ikun hemm rabta bejn is-suġġett attiv u is-suġġett passiv tar-reat u cioe' bejn minn qiegħed jikkometti ir-reat u l-vittma. Hemm imbagħad l-element materjali ta' dan r-reat u cioe' l-użu ta' ingann, raġġiri jew artefizji, li jwasslu lil vittma sabiex isofri it-telf patrimonjali. Dawn il-manuvri jridu jkunu ta' natura li jimpressjonaw bniedem ta' intelliġenza ordinarja u jridu jkunu frawdolenti fis-sens li jeħtieġ li jkunu użati sabiex jipperswadu lis-soġġett passiv jagħmel jew ma jagħmilx xi ħaġa li twassal għal telf patrimonjali.

Dwar l-artifizzji intqal[52] illi "*hemm bzonn biex ikun reat taht l-artikolu 308 illi l-kliem jkun akkumpanjat minn apparat estern li jsahhah il-kelma stess fil-menti ta' l-iffrodat*." Din it-teżi hija dik aċċettata fil-ġurisprudenza in materja. Per eżempju, fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawza **Reg vs Francesco Cachia e Charles Bech** (03.01.1896 – Kollez.XV.350) intqal illi "*quell' articolo non richiede solamente una asserzione mensioniera e falza, ma richiede inoltre che siano state impiegate, inganno, raggiro o simulazione, ed e' necessario quindi che la falza asseriva sia accompagnata da qualche atto diretto a darla fede.*"

[52] **Il-Pulizija vs. Charles Zarb**, ċitat b'approvazzjoni mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Omissis, Omar Caruana u Omissis** deċiż nhar l-14 ta' Lulju 2020

Jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f' '*raggiri o artifizi*' – dak li fid-dottrina jissejjaħ ukoll *mise en scene* – ikun hemm it-truffa; jekk le, ikun hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata (jew lukru frawdolent innominat)[53].

Hija meħtieġa wkoll il-prova dwar l-element formali tar-reat konsistenti fid-*dolo* ossia fl-intenzjoni tat-truffatur jew frodatur li jinganna sabiex jikseb profitt jew vantaġġ għalih innifsu.

Fir-rigward ingħad:-

"*... illi jrid jkun hemm qabel xejn l-intenzjoni tal-frodatur li jipprokura b'ingann l-konsenja tal-flus jew oggett li jkun fi profit ingust tieghu. L-ingustizzja tal-profitt tohrog mill-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali fejn il- kliem "bi hsara ta' haddiehor" ma jhallux dubbju dwar dan. Jigifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali tar-reat ta' truffa, hemm bzonn li s-suggett attiv tar-reat fil-mument tal-konsumazzjoni tieghu ikun konxju tal-ingustizzja tal-profitt u b'dan il-mod il-legittima produttivita tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d-dolo.*"[54]

Jekk xi wieħed jew iktar minn dawn l-elementi huma nieqsa, allura ir-reat tat-truffa ma jistax jissussisti.

L-elementi essenzjali tar-reat ta' truffa taħt l-artikolu 308, u r-reat ta' frodi nnominata taħt l-artikolu 309 tal-Kodiċi Kriminali, huma identiċi u huma biss il-mezzi adoperati biex jigi perpetrat l-ingann li jiddistingwi t-truffa mir-reat minuri. Filwaqt li kif rajna diġa', ir-reat ta' truffa jeħtieġ l-użu ta' apparat estern konsistenti f'raġġiri jew artifizzji li jsaħħaħ il-kredibbilita' tal-affermazzjonijiet menzonjeri tal-frodatur, ossia l-messa in xena, fir-reat minuri taħt l-Artikolu 309 tal-Kap. 9 ir-"raggiri" jew l-"artifizji" m'humiex fost l-elementi kostituttivi tar-reat u allura anke gidba sempliċi hija

---

[53] Ara, fost ohrajn, **Il-Pulizija v. Carmelo Cassar Parnis**, App. Krim., 31/10/59, Vol. XLIII.iv.1137; **Il-Pulizija v. Francesca Caruana**, App. Krim., 25/7/53, Vol. XXXVII.iv.1127; ara wkoll **Il-Pulizija v. Giuseppe Schrainer**, App. Krim., 3/3/56).

[54] **Il-Pulizija vs. Charles Zarb**, *ibid*.

biżżejjed għall-kommissjoni ta' dana ir-reat, basta li din tkun saret bi ħsieb frawdolenti u twassal sabiex il-vittma u ċioe' is-suġġett passiv ta' dan ir-reat isofri xi telf patrimonjali bil-konsegwenti arrikkiment għal min jgħid dik il-gidba[55].

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Enrico Petroni et**[56] riteniet-

"*Kwantu ghall-kwistjoni mqajjma mill-appellanti u cioe` jekk il-"gidba semplici" – a differenza tal-artifizji u raggiri – tistax tammonta ossia twassal ghar-reat ta' frodi innominata, ir-risposta hija certament fl-affermattiv, basta li tali gidba tkun effettivament tammonta ghal "qerq", cioe` tkun intiza jew preordinata sabiex il-persuna l-ohra (il-vittma) taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti arrikkiment ghal min jghid dik il-gidba, u basta, s'intendi, li tkun effettivament waslet ghal dan it-telf minn naha u arrikkiment min-naha l-ohra.*"

Dan kollu jfisser li l-Prosekuzzjoni jeħtiġilha tipprova lil hin minn kull dubju raġjonevoli, il-konkorrenza tal-elementi kollha tar-reat ta' truffa ċioe' atti li bihom intwera ħaġa b'oħra jew intużaw kwalifiċi foloz jew ismijiet foloz jew apparat estern ieħor, jew xort'oħra nħoloq messa in xena, li minħabba fihom il-persuna li rċeviet il-ħlas bic-*cheques* li ġie stabbilit li ġew misruqin, emmnet li dawn ic-*cheques* kienu nħarġu mill-kont bankarju ta' xi ħadd li kien ordna l-oġġetti li nxtraw, u li dan il-kont kien fih fondi biżżejjed biex isir il-ħlas tal-prezz komplessiv tal-ordni relattiv. Jinħtieġ ukoll il-prova illi dan l-ingann sarraf f'telf patrimonjali għall-vittma tar-reat u li l-aġent tar-reat aġixxa dolożament.

Diġa' ġie stabbilit il-ħtija tal-imputat Jason Zammit għas-serq taż-żewġ *cheque books* appartenenti lil JFF Limited u Julian Micallef u Graziella Micallef. Ġie stabbilit ukoll ness manifest **dirett** bejn l-istess imputat u t-transazzjonijiet li saru bl-użu ta' *cheques*

[55] Ara sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Carmela German**, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri 30.12.2004.
[56] Deċiża 9 ta' Ġunju 1998.

provenjenti mill-istess *cheque books* li ntużaw biex iħallsu lil PTR Machinery, Vella Mechanical Services Limited, KPĦ, Charlet Abela (jew Andrew's Garage) u Clean Away Services Limited. Għalkemm ma ġiex stabbilit ness **dirett** bejn l-imputat u t-transazzjonijiet li saru ma' Cortis Woods and Timber u Alfred Muscat, il-Qorti tqis illi konformement mal-fatti diġa' stabbiliti, huwa riskontrabbli ness probatorju suffiċjenti bejn l-imputat Jason Zammit u c-*cheques* li ntużaw biex jitħallsu l-persuni appena msemmija, għaliex diġa' ġie stabbilit li l-imputat seraq u kien ukoll fil-pussess tac-*cheque books* ta' Julian Micallef u JFF Limited.

Għalkemm l-involviment dirett tal-imputat Jason Zammit fit-transazzjonijiet li saru ma' Alfred Muscat u Cortis Timber and Wood m'huwiex daqshekk manifest, ma hemm xejn fil-provi li jeskludi li kien l-istess imputat li għadda c-cheques relattivi lill-ko-imputat biex iħallas bihom.

Alfred Muscat, l-operatur tal-bank tal-lottu ġewwa Ħaż Zabbar, xehed illi l-imputat Stephen Galea kien ġie jixtri karta tat-telefon u jilgħab il-lottu u kien talbu wkoll biex isarrflu *cheque*. Peress li din ma kienetx l-ewwel darba li Stephen Galea kien sarraf cheque għandu u c-*cheque* li kien tah id-darba ta' qabel kien ġie msarraf mill-bank, huwa kien aċċetta li jsarraf dan ic-cheque ukoll.

Jirriżulta mill-provi illi Stephen Galea kien ta lil Alfred Muscat *cheque* għas-somma ta' €750 maħruġ fuq il-kont ta' Julian Micallef u Graziella Micallef (Dok. YF53[57]) liema *cheque* kien diġa' ffirmat, datat u mimli għajr għal ismu, Alfred Muscat, li kien kitbu hu stess. Dak il-ħin kien ta lil Stephen Galea €110 f'kontanti iżda peress li ma kellux l-ammont kollu f'kontanti fil-kexxun kien qallu biex jerġa' jgħaddi l-għada fil-għada. L-għada Stephen Galea reġa' mar għandu biex jilgħab il-lottu u kien tah il-kumplament tal-flus tac-*cheque*. Alfred Muscat ikkonferma li minkejja li kien ta l-flus

---

[57] Paġna 363 tal-atti.

tac-*cheque* lil Stephen Galea, il-bank ma kienx sarrfu għaliex kien induna li l-firma fuq ic-*cheque* ma kienetx taqbel mal-firma tal-firmatarji tal-kont[58].

Joseph Cortis u Paul Cortis, id-diretturi tal-kumpannija Cortis Timbers and Woods Products Limited, irrapportaw lill-Pulizija fl-4 ta' Ġunju 2019[59] illi fil-11 ta' Mejju 2019 inxtara materjal mingħandhom għall-prezz ta' €4,682.64, liema prezz ġie mħallas permezz ta' *cheque* bin-numru 988 maħruġ minn kont bankarju ta' Julian Micallef u Graziella Micallef. Paul Cortis xehed illi dan ic-*cheque*[60] kien diġa' ffirmat iżda għall-bqija imtela mill-addett tal-ħanut[61] iżda ma kienx ġie msarraf mill-bank u rriżulta wkoll li n-numru tal-VAT li kien imniżżel fuq in-naħa ta' wara tac-*cheque* kien ineżistenti. Xehed ukoll li l-persuna li ġiet tiġbor il-pjanċi tal-injam ġie b'vann Ford Transit abjad magħluq ('*box van*'), b'saqaf għoli u għalkemm talbu biex jerġa' jiġi b'vann miftuħ biex il-pjanċi jistgħu jitgħabbew iktar faċilment, deher li kien mgħaġġel biex jieħu x-xogħol u ma riedx jerġa' jiġi. Qallu wkoll li kien imdejjaq jaħdem ma' min kien bagħtu biex jixtri x-xogħol. Hu għaraf lil din il-persuna bħala l-imputat Stephen Galea[62] u għarfu minn għajnjeh u mill-istatura tiegħu minkejja li meta kien ġie biex jgħabbi x-xogħol kien liebes beritta u xagħru kien ftit itwal. Xehed ukoll li fuq in-naħa ta' wara tac-*cheque*, bintu Jeanelle Bonello Cortis kitbet ukoll in-numru tal-pjanċi tal-vann li kien qed isuq il-persuna li ġie jgħabbi x-xogħol, DAB 908[63], liema pjanċi jirriżulta li kienu ġew misruqin mill-vettura ta' Joseph Borg fl-10 ta' Mejju 2019[64].

---

[58] Dok. YF54 u Dok. YF55. Stephen Galea, l-imputat, stqarr bla tlaqliq li huwa kien mar isarraf dan ic-cheque fil-bank tal-lottu u fil-fatt huwa jidher ċar fil-filmat relattiv li Alfred Muscat innifsu kien ipprovda lill-Pulizija.

[59] Ara rapport f'paġna 372 tal-atti tal-kawża u xhieda ta' PS 1474 Kieran Parnis, li xehed li l-kwerelanti kienu ħadu notament tan-numru tar-reġistrazzjoni tal-vann li kien qed isuq il-persuna li ġie jiġbor ix-xogħol u ħallas bic-cheque li ma kienx issarraf: DAB 908. Ara wkoll xhieda ta' PS 1585 James Weatherhill.

[60] Dok. YF13, paġna 71 tal-atti..

[61] Jeanelle Bonello Cortis: xehdet illi kienet ħadet it-telefonata meta daħlet l-ordni u l-persuna li ordna x-xogħol li qalilha li sejjer jibgħat il-lavrant biex jiġbor il-materjal.

[62] Jeanelle Bonello Cortis ukoll għarfet lil Stephen Galea, l-imputat, bħala l-ħaddiem li ġie jiġbor il-merkanzija b'Transit abjad, u li kien taha c-cheque Dok. YF13, paġna 71 tal-atti tal-kawża.

[63] Ara Dok. YF13, paġna 71 tal-atti. Dan ġie konfermat minn Jeanelle Bonello Cortis stess fix-xhieda tagħha ('*DAB-908 Transit*').

[64] Ara xhieda ta' Joseph Borg u xhieda ta' Dr. Christopher Spiteri (Dok. CS3).

Mill-assjem tal-provi proċesswali huwa pjuttost evidenti li l-*modus operandi* taż-żewġ transazzjonijiet appena kkunsidrati[65] kien identiku għal dak imħaddem fl-istanzi l-oħra assoċjati direttament mal-imputat Jason Zammit: l-istess persuna kien iċempel min-numru 79372319[66] lis-supplier biex jordna x-xogħol u jikseb minn qabel stima tal-prezz relattiv, u mbagħad jitqabbdu persuni oħrajn, fosthom il-ko-imputat Stephen Galea, biex jiġbru l-merkanzija ordnata, bl-użu tal-vann Ford Transit li l-imputat Zammit xtara mingħand Julian Micallef jew il-vann Ford Connect li kien xtara mingħand Stephen Galea (terza persuna), liema vetturi kienu dejjem armati bi pjanċi differenti, uħud minnhom misruqin[67]. Mix-xhieda ġie stabbilit illi l-persuni li kienu jiġbru x-xogħol, inkluż l-imputat Stephen Galea, kienu jħallsu b'cheque ta' JFF Limited jew ta' Julian Micallef u Graziella Micallef, diġa' iffirmat minn qabel u xi kultant id-data u l-ammont kienu jkunu wkoll diġa' miktubin wara li jkun inkiseb minn qabel il-prezz tax-xogħol ordnat bit-telefon. Kif taraha l-Qorti, dan il-fatt ikompli jsaħħaħ il-konklużjoni illi l-moħħ wara din l-iskema ma kien ħadd għajr l-imputat Jason Zammit li, kif diġa' stabbilit, kien seraq ic-*cheque books* minn ġewwa l-vann mibjugħ lilu minn Julian Micallef, kien fil-pussess ta' dokumenti oħrajn appartenenti lil JFF Limited u Julian Micallef u indubbjament, kien involut b'mod manifest fit-transazzjonijiet qarrieqa li saru għad-dannu ta' PTR Machinery Limited, Vella Mechanical Services Limited, Sean Borg, KPĦ, Charlet Abela u Richard Darmanin jew Clean Away Services Limited.

---

[65] Alfred Muscat u Cortis Woods and Timber.

[66] It-telefonati li saru lil 99496620 (Richard Darmanin) fit-3 ta' Mejju 2019; lil 21456236 (PTR Marine) fl-4 ta' Mejju 2019 u lil 21453160 u lil 21413178 (Vella Mechancial Services) biex jiġi ordnat ix-xogħol, ilkoll saru mil-linja bin-numru 79372319, liema telefonati lkoll qabdu mas-cell towers ta' Ħal Tarxien fejn għandu l-garaxx tiegħu l-imputat Jason Zammit, għalkemm l-imputat ċaħad li l-linja bin-numru 79372319 jużaha hu jew kienet għandu.

[67] **Brian Alex Mizzi** xehed illi kienu nsterqu l-pjanċi tal-vettura tiegħu, KBP 314, bejn it-3 u l-4 ta' Mejju 2019 meta din il-vettura kienet ipparkjata ġewwa Triq is-Sorijiet, Ħal Tarxien u ħallas spejjeż amministrattivi lil Transport Malta biex jinħarġu pjanċi u logbook ġodda, fis-somma ta' €88 (Dok. BM1. Dan ġie konfermat minn Stephen Cachia u mid-dokument Dok. SC2, paġna 1366); **Edmond Vella** xehed illi fil-lejl bejn l-4 u l-5 ta' Mejju 2019 kienu nsterqu l-pjanċi tal-vann tiegħu, EVP 333 waqt li dan kien ipparkjat f'Raħal Ġdid – ħallas is-somma ħtotali ta' €123 fi spejjeż amministrattivi lil Transport Malta fis-7 ta' Mejju 2019 biex jinħarġu pjanċi u logbook ġodda (Dok. EV1 u EV2. Dan ġie konfermat minn Stephen Cachia u mid-dokument Dok. SC3). **Joseph Borg** xehed illi kienu nsterqulu l-pjanċi tal-vann tiegħu bin-numtu DAB 908 u dan bejn id-9 u l-10 ta' Mejju 2019 filwaqt li l-vann kien ipparkjat ġewwa Triq il-Ħareb, Ħal Għaxaq u kellu jħallas €98 biex jordna pjanċi u logbook ġodda

Il-Qorti tqis li huwa ppruvat sodisfaċjentement illi c-*cheques* li ġew imħallsin bihom Charlet Abela (jew Andrew's Garage), PTR Machinery, Vella Mechanical Services Limited, KPĦ, Richard Darmanin, Alfred Muscat u Cortis Woods and Timber, kienu *cheques* provenjenti minn xi wieħed mic-*cheque-books* li kienu ġew misruqin mill-pussess ta' Julian Micallef – dan jirriżulta mix-xhieda ta' Julian Micallef innifsu li xehed illi c-*cheque-books* kienu insterqu minn ġol-kaxxi li kienu fil-vann li kien biegħ lil Jason Zammit[68], u kien għamel rapport lill-Pulizija dwar din is-serqa meta irrejalizza li żewġ *cheques* minn dan iċ-*cheque-book* intużaw biex jitħallas bihom Charlet Abela u ma kienux ġew imsarrfin. Huwa ppruvat ukoll li la Julian Micallef u lanqas Graziella Micallef ma kienu ffirmaw iż-żewġ *cheques* ippreżentati għall-ħlas lil Charlet Abela[69]. Huma kkonfermaw li l-firem fuq ic-*cheques* ippreżentati għall-ħlas lil Vella Mechanical Services Limited, Cortis Timber and Wood, PTR Machinery[70], Richard Darmanin, KPĦ[71] u Alfred Muscat[72] mhux firem tagħhom u qatt ma xtraw xejn mingħand l-imsemmija persuni jew negozji.

Dan ifisser mhux biss illi l-firma fuq ic-*cheques* imsemmija hija falsifikata iżda wkoll li dawn ic-*cheques* b'firma falsifikata intużaw kontra l-volonta' ta' Julian Micallef u Graziella Micallef in kwantu c-*cheques* li nħarġu mic-*cheque book* tagħhom, kif ukoll kontra l-volonta' ta' JFF Limited in kwantu c-*cheques* li nħarġu mic-*cheque book* ta' JFF Limited.

Huwa wkoll ippruvat illi meta l-persuna – li fil-każ tac-*cheques* li ntużaw biex jitħallsu PTR Machinery Limited, Vella Mechanical Services Limited, Cortis Woods and Timber Limited, Richard Darmanin ta' Clean Away Services, u Alfred Muscat, ġiet identifikata bħala l-imputat Stephen Galea - ippreżentat iċ-*cheques* iffalsifikati għall-ħlas, dan sar b'ingann tal-istess persuni jew entitajiet għaliex il-pagatur kien qed jurihom ħaġa b'oħra ċioe' *cheques* li kienu iffirmati iżda b'firma li ma kienetx tal-

[68] Graziella Micallef ukoll xehdet illi dawn ic-cheque books kienu tefgħuhom ġo kaxxi meta ġew biex iġorru mill-Fgura għas-Siġġiewi, u kienu ġarrew dawn il-kaxxi bil-vann (li kellu l-pjanċi 'Nuvole') li ġie mibjugħ lil ċertu Jason.
[69] Ara wkoll ix-xhieda ta' Graziella Micallef, 29 ta' Ottubru 2019, Dok. YF7.
[70] Dok. YF13, paġna 70 u paġna 71 tal-atti tal-kawża, Dok. YF19, paġna 91 tal-atti u Dok. YF30.
[71] Dok. YF40 u Dok. YF50.
[72] Dok. YF53.

firmatarju tal-kont bankarju. Dawn il-firem foloz jikkostitwixxu wkoll l-apparat estern li minħabba fih il-bejjiegħa ġew ingannati biex ibiegħu l-merkanzija, għodda jew materjal u jaċċettaw ic-*cheques* in linea ta' pagament tal-prezz.

Evidentement, il-vittmi ġew żvijati biex jemmnu mhux biss li c-*cheques* ippreżentati għall-ħlas kienu ffirmati mill-firmatarju tal-kont bankarju ta' JFF Limited jew il-kont bankarju ta' Julian Micallef u Graziella Micallef, iżda wkoll li d-detentur tal-kont kellu biżżejjed fondi fil-kont biex jagħmel il-ħlas tal-prezz tax-xogħol li nxtara, u li ċ-*cheques* kienu serjin jissarrfu. Iżda fir-realta', ad insaputa tal-vittmi, dawn ic-*cheques* ma setgħux jiġu msarrfin u baqgħu ma ġewx imsarrfin għaliex il-firma fuq ic-*cheques* ma kienetx il-firma tad-detentur tal-kont bankarju u wkoll għaliex il-kont bankarju lanqas kien fih biżżejjed fondi għall-ħlas tal-prezz għax-xiri tal-ordnijiet tax-xogħol.

Huwa ppruvat ukoll illi l-persuni kollha li ġew żvijati biex jaċċettaw il-ħlas permezz tac-*cheques* iffalsifikati sofrew telf patrimonjali konsistenti fil-prezz tal-ordni li ġie mħallas bic-*cheque* relattiv, liema prezz, skont kif jirriżulta mix-xhieda tal-vittmi, baqa' qatt ma ġie mħallas għaliex ebda wieħed mic-*cheques* ma ġie msarraf mill-bank jew jekk ġew imsarrfin, il-flus reġa' ttieħed lura mill-bank.

F'dan kollu il-Qorti tirravviża l-konkorrenza tal-elementi kollha tar-reat ta' truffa fil-fatt li c-*cheques* ġew ippreżentati għall-ħlas mhux biss kontra l-volonta' tal-*account holder*, u kwindi bl-użu ta' mezzi kontra l-liġi, iżda wkoll bil-wiri ta' ħaġa b'oħra u l-użu ta' ismijiet foloz permezz tal-falsifikazzjoni tal-firma tal-*account holder* fuq l-istess *cheques*. Din il-falzita' evidentement ipperswadiet lil min aċċetta c-*cheques* ippreżentati in linea ta' ħlas, biex jemmen fl-eżistenza ta' kreditu immaġinarju ċioe' li l-*account holder* ordna l-ħlas tal-flejjes mill-kont bankarju tiegħu in linea ta' pagament. Dan m'huwiex sempliċement każ fejn l-ingann ossia t-twemmin fl-eżistenza ta' kreditu immaġinarju inħoloq bl-offerta għall-ħlas permezz ta' *cheque* maħruġ volontarjament minn kont bankarju bix-xjenza tal-pagatur li ma kienx fih biżżejjed fondi biex jissodisfa l-ħlas. Fil-każ in diżamina, il-vittma tar-reat ġie mġiegħel jemmen fl-eżistenza ta' kreditu immaġinarju bl-użu addizzjonali ta' mezzi

kontra l-liġi kif ukoll bl-użu ta' ismijiet foloz, liema mezzi qarrieqa sarrfu fi qligħ illegali għall-aġent tar-reat bi ħsara tal-persuni msemmija jew in-negozju tagħhom.

B'żieda ma' dan għandu jingħad illi Sean Borg ukoll sofra telf patrimonjali minħabba l-fatt illi huwa aċċetta li jixtri katina minn dawk li nxtraw mingħand Vella Mechanical Services Limited b'mod qarrieqi, u kien ħallas lill-imputat is-somma ta' €400 b'*cheque* li in segwitu intuża biex l-istess imputat iħallas bih lil George Borg biex l-ammont relattiv ġie addebitat lill-kont bankarju tiegħu. Din il-katina ġiet konfiskata mill-Pulizija u ġiet esebita materjalment fl-atti proċesswali. Madanakollu, ma ġewx ippruvati l-elementi kollha tar-reat ta' truffa għaliex filwaqt li ġie stabbilit ness inkonfutabbli bejn il-vittma u Jason Zammit u ġie stabbilit ukoll l-element tal-ingann li wassal għal qligħ illegali għall-aġent tar-reat u l-korrispondenti telf għall-vittma, huwa nieqes l-element tal-messa in xena jew l-użu tal-apparat estern da parti tal-aġent tar-reat: il-fatt li l-imputat Jason Zammit ma kienx qal lix-xerrej li kien qed ibiegħlu katina li nxtrat bl-użu ta' *cheque* iffalsifikat u li l-persuna li mingħandha kienet inxtrat il-katina ma kienetx, b'riżultat ta' dan il-qerq, irċeviet il-ħlas tal-prezz tal-katina, ma jikkostitwixxix apparat estern li jinħtieġ li jiġi applikat mill-aġent tal-qerq biex titwettaq it-truffa ravviżata fl-artikolu 308 tal-Kap. 9. Dan in-nuqqas jista' jikkostitwixxi biss mensonja ossia gidba li wasslet lill-vittma jagħmel telf patrimonjali iżda li hija biżżejjed biex jiġi ravviżat ir-reat ta' frodi nnominata maħsuba fl-artikolu 309 tal-Kap. 9.

Stabbilit dan kollu iżda, għandu jingħad illi ma jirriżultax mill-provi illi Lombard Bank Malta p.l.c. sofra xi telf b'riżultat tal-użu tac-*cheques* relatati mal-kont bankarju ta' Julian Micallef u Graziella Micallef għaliex l-ebda rappreżentant tal-istess bank ma xehed illi l-bank aċċetta li jsarraf ic-*cheques* jew illi l-kont bankarju relattiv ġie addebitat bl-ammont tac-*cheques* relattivi u in segwitu akkreditat mill-bank wara li ġie stabbilit li c-*cheques* ma kienux inħarġu mill-klienti, ossia l-account holders Julian Micallef u Graziella Micallef. Il-Qorti mill-kumpless tal-provi fehmet illi kienu l-persuni li aċċettaw il-ħlas tac-*cheques* li nħarġu mill-kont bankarju ta' Julian Micallef u Graziella Micallef ma' Lombard Bank Malta p.l.c. bil-firma falsifikata, li ġarrbu t-

telf – mhux il-bank - meta c-*cheques* ma ġewx imsarrfin u jekk ġew imsarrfin, l-ammont relattiv ġie in segwitu addebitat mill-kont rispettiv tagħhom[73].

Ikkunsidrat;

Imiss issa li jiġi mistħarreġ jekk ġewx ippruvati kif imiss l-elementi tar-reat ta' frodi fir-rigward tal-imputat Stephen Galea u riferibbilment għall-qerq li dwaru ġie akkużat, ċioe' il-qerq li ġie pperpetrat għad-dannu ta' Vella Mechanical Services Limited, Sean Borg, PTR Machinery, Richard Darmanin jew Clean Away Services, Cortis Timber and Wood Products Limited u Alfred Muscat.

Il-Qorti tibda biex tosserva illi kif ingħad diġa', Stephen Galea ma ġiex mixli bis-serq tac-*cheque books* ta' JFF Limited u Julian Micallef / Graziella Micallef u huwa eskluż li kien parteċipi f'dan is-serq. Fil-fatt, l-Uffiċjal Prosekutur dak iż-żmien, l-Ispettur Yvonne Farrugia, fix-xhieda tagħha eskludiet b'mod kategoriku li l-imputat Stephen Galea kien flimkien mal-imputat l-ieħor Jason Zammit meta mar jgħin lil Julian Micallef jiżbarazza l-kaxxi bil-karti tan-negozju tiegħu minn ġewwa l-vann, fost liema karti kien hemm ic-*cheque book* li minnu nħareġ ic-*cheque* li ġie msarraf minn Alfred Muscat. Ma jirriżultax lanqas mill-provi illi c-*cheques* imtlew mill-imputat Stephen Galea jew li kien l-istess imputat li ffalsifika l-firem fuq dawn ic-*cheques*, anke għaliex ix-xhieda kollha affermaw li c-*cheques* li ngħatawlhom għall-ħlas mill-imputat Stephen Galea kienu diġa' ffirmati.

Iżda f'kull każ, huwa immaterjali għall-fini tal-prova tal-elementi tar-reat ta' frodi b'mod ġenerali, min kien l-awtur tas-serq tac-*cheque book* jew is-serq tac-*cheques* individwali użati biex jitħallsu bihom il-vittmi tar-reat. Huwa biżżejjed il-prova li dawn ic-*cheques* kienu iffalsifikati u li l-użu tagħhom mill-imputat biex iħallas bihom lill-vittmi tar-reati, sar kontra l-volonta' ta' JFF Limited u jew ta' Julian Micallef / Graziella Micallef u kwindi b'mezzi illegali intiżi biex jiġi mqarraq il-vittma tar-reat u li dan kollu sar b-x-xjenza tal-imputat.

---

[73] Ara xhieda ta' Alfred Muscat.

Diġa' ġie stabbilit illi l-imputat Stephen Galea kien identifikat bħala l-persuna li mar jgħabbi l-merkanzija jew materjal ordnat mingħand Vella Mechanical Services Limited, PTR Machinery (fatt ammess minnu stess fl-istqarrija tiegħu), Richard Darmanin (jew Clean Away Services) u Cortis Timber and Wood Products Limited u li ppreżentalhom għall-ħlas cheques ta' JFF Limited jew Julian Micallef / Graziella Micallef, liema *cheques* kienu ġew misruqin mingħand Julian Micallef, kellhom firma falsifikata u ma ġewx imsarrfin. Kien ukoll il-persuna li mar isarraf ic-*cheque* fis-somma ta' €750 għand Alfred Muscat, kif ġie ammess ukoll minnu stess fl-istqarrija tiegħu biex jitħallas ta' xogħolu.

In kwantu c-*cheque* li l-imputat Galea ta lil Alfred Muscat, il-Qorti fehmet illi l-imputat kien żamm il-flus li ngħata mill-vittma bi skambju tac-*cheque*, għaliex *ex admissis* kienu dovuti lilu u għalhekk, f'każ ta' sejbien ta' ħtija għar-reat ta' frodi għad-dannu ta' Alfred Muscat, l-imputat Stephen Galea għandu jikkumpensa huwa stess lill-istess vittma.

Diġa' ġie stabbilit illi fil-fatti li joħorġu mill-provi dwar it-transazzjonijiet li saru ma' Vella Mechanical Services Limtied, Cortis Timber and Wood Products Limited, PTR Machinery, Richard Darmanin (jew Clean Away Services), u Alfred Muscat, jikkonkorru l-elementi kollha materjali tar-reat taħt l-artikolu 308 tal-Kap. 9 liema transazzjonijiet saru kollha permezz ta' *cheques* iffalsifikati li ġew misruqa mill-pussess ta' Julian Micallef. Dawn il-persuni lkoll ġew imqarrqin bic-*cheques* iffalsifikati ppreżentati lilhom mill-imputat Stephen Galea għall-ħlas tal-prezz dovut, biex jgħadduh ix-xogħol li kien ordnat.

Madankollu, jinħtieġ ukoll li jiġi ppruvat l-element formali tar-reat ta' frodi u għalhekk il-Qorti sejra tistħarreġ jekk il-Prosekuzzjoni rnexxilhiex tipprova illi l-imputat Stephen Galea kien qed jaġixxi dolożament u li kien jaf li t-transazzjonijiet li saru għad-dannu tal-vittmi kienux transazzjonijiet qarrieqa.

Da parti tiegħu, Stephen Galea, waqt li kien qed jiġi interrogat mill-Pulizija fit-2 ta' Awwissu 2019, stqarr li huwa kien għamel xi xogħol għal Jason Zammit, li kien iqabbdu fuq diversi biċċiet ta' xogħol differenti, inkluż xogħol konness mal-kostruzzjoni, tibjid u ħasil ta' karozzi ħdejn il-garaxx tiegħu ġewwa Ħal Tarxien. Għamel madwar tliet ġimgħat jew xahar jaħdem miegħu iżda għalkemm ftiehmu li ser iħallsu bejn €70 u €80 kuljum, qatt ma ħallsu għax-xogħol li għamel u għalhekk ma baqax jaħdem miegħu. Ammetta li Jason Zammit, li kien l-imgħallem tiegħu, kien bagħtu għand Pawlu tar-Rabat (PTR) u kien tah vann li kien ipparkjat ħdejn il-garaxx tiegħu f'Ħal Tarxien, biex imur bih jgħabbi x-xogħol, iżda ma kienx ta kas il-pjanċi li kellu l-vann. Jason kien tah envelope magħluq u kien qallu biex jgħaddih għand tal-ħanut. Qal li ma kienx mela ebda *cheque* għaliex ma jafx jikteb u qatt ma ta *cheques* lil min intbagħat jixtri mingħandu għaliex Jason dejjem kien jagħtih envelope li mbagħad kien jifthu tal-ħanut. Kull meta Jason kien jibgħatu fuq biċċa xogħol, kien jieħu ċ-ċwievet tal-vann minn ġewwa l-garaxx iżda qatt ma tah vann Connect biex jużah għax-xogħol. Stqarr li jista' jkun li ġarr xi ktajjen u injam fuq struzzjonijiet ta' Jason Zammit u kien ra xi ktajjen u plywood ukoll fil-garaxx ta' Jason.

Stephen Galea stqarr ukoll li l-uniku *cheque* li kien tah Jason kien cheque ta' €750, ta' ċertu Julian u Graziella Micallef, biex iħallsu l-prezz tal-karozza Volkswagen Polo li kien biegħlu. Jason kien qallu li dan iċ-cheque kien ġabru mingħand xi ħaddieħor u kien mar isarrfu għand tal-lottu. Ċaħad li kien seraq xi pjanċi ta' karozza jew uża pjanċi misruqin jew li kien ħallas b*'cheques* misruqin.

Ovvjament, il-Qorti tista' tqis dak li jghid kull wiehed mill-imputati bhala prova fil-konfront tieghu biss u mhux fil-konfront tal-imputat l-ieħor ukoll, iżda mill-kumpless tal-provi hija fehmet illi l-verżjoni ta' Stephen Galea li huwa kien imqabbad biex jiġbor u jgħabbi ix-xogħol li kien ġie ordnat minn ħaddieħor, u li ma kienx il-persuna li kienet tiffirma c-*cheques* li nħarġu biex isir il-ħlas tax-xogħol, bħala verosimili għaliex hija kompatibbli mal-fatt ġia' stabbilit illi c-*cheques* li ngħataw lill-vittmi bħala ħlas kienu dejjem iffirmati minn qabel, u l-fatt illi l-vannijiet li kienu jintużaw

biex jitgħabba x-xogħol kienu l-vetturi li kienu jappartjenu jew kienu fil-pussess ta' Jason Zammit.

Iżda fl-istess ħin, il-Qorti riskontrat ukoll provi konklussivi li l-imputat Stephen Galea aġixxa dolożament u bix-xjenza li kien qed jaġixxi biex iqarraq lill-vittmi ta' din l-iskema tal-frodi.

Ibda biex il-firem fuq ic-*cheques* li huwa ngħata biex iħallas bihom lil Vella Mechanical Services u Alfred Muscat, minkejja li ż-żewġ *cheques* kienu ta' Julian Micallef / Graziella Micallef, kienu ffirmati b'mod ferm differenti. Ukoll, iż-żewġ *cheques* li ħallas bihom lil PTR Machinery u Ricahrd Darmanin, ta' JFF Limited, ukoll huma ffirmati b'mod differenti. Il-Qorti tqis li persuna ordinarja u raġjonevoli li tintbagħat tiġbor xogħol u tħallas għalih b'*cheques* ta' persuni li mad-daqqa t'għajn ma għandhom l-ebda konnessjoni ma' Jason Zammit, liema *cheques* minkejja li huma tal-istess persuni ġew iffirmati b'firem differenti, kellha tintebaħ b'din id-diskrepanza u bin-nuqqas ta' konnessjoni bejn il-persuna li tatha c-*cheques* u l-*account holders* tal-istess *cheques*. Barra minn hekk, Stephen Galea ma setax ma jissuspettax ħażin il-għala l-imgħallem tiegħu qabbdu jixtri kwantitajiet konsiderevoli ta' għodda u injam u jħallas għalihom b'*cheque*s li ma kienux tiegħu. Ma setax lanqas ma jintebaħx li l-vann Ford Transit li huwa stess stqarr li Jason Zammit kien jagħtih biex imur jgħabbi l-merkanzija, kien ikun armat bi pjanċi differenti, u fil-fatt kellu pjanċi differenti f'minn talanqas żewġ okkażżjonijiet li fihom intbagħat jiġbor ix-xogħol[74].

Il-Qorti ma tistax twarrab lanqas il-fatt illi l-provi jistabbilixxu illi Stephen Galea kien iffirma huwa stess id-dokumenti tal-garanzija tal-għodda li nxtraw mingħand PTR Machinery, bħala 'J. Pace' minflok b'ismu proprju, li jfisser neċessarjament illi Stephen Galea kien jaf tajjeb li t-transazzjoni li qal hu stess li ngħata struzzjonijiet sabiex jeżegwixxi, kienet waħda qarrieqa għaliex kieku kien jemmen li kien tqabbad

[74] EVP-333 (PTR Machinery) u DAB-908 (Cortis Timber and Wood).

jixtri għodda b'mod leġittimu, ma kienx jagħti isem falz u jostor l-identita' reali tiegħu[75].

Il-Qorti tirravviża f'dan kollu inferenza ta' fatt ċar illi l-imputat ma setax, raġjonevolment, ma kienx jaf, jew fl-aħjar ipotesi għalih, ma jissuspettax biċ-ċirkostanzi suspettużi tax-xogħol li kien tqabbad jagħmel. B'żieda ma' dan il-fatt illi jirriżulta wkoll illi meta Stephen Galea mar isarraf ic-*cheque* għand Alfred Muscat, huwa kien liebes nuċċali tax-xemx li baqa' ma neħħihx meta daħal fil-ħanut, u jidher ukoll iħares b'mod suspettuż lejn il-camera fl-istabbiliment u jevita li jħares fid-direzzjoni tal-istess camera. Jirriżulta wkoll mix-xhieda ta' Jeanelle Bonello Cortis u John Mary Vella illi Stephen Galea kien mgħaġġel ħafna meta mar jiġbor ix-xogħol u irrifjuta li jerġa' jmur ġurnata oħra b'vann ikbar biex jgħabbi l-pjanċi tal-injam. Huwa minnhom li dawn il-ġesti waħedhom m'humiex bizzejjed biex jinstawra f'moħħ il-Qorti konvinċiment morali li l-imputat kien jaf li c-*cheques* li ħallas bihom jew li mar isarrafhom kienu misruqin jew iffalsifikati u li kien qed isir bihom qligħ illegali, meħudin fl-isfond tal-ġabra tal-indizzji kollha l-oħra li jissostanzjaw il-konklużjoni li l-imputat kien qed jaġixxi dolożament, il-Qorti hija konvinta illi dawn huma indizzji li wkoll ikomplu jippontaw lejn aġir doluż da parti tal-imputat Stephen Galea.

Dan kollu, magħdud il-fatt illi jirriżulta illi f'kull transazzjoni li kien involut fiha Stephen Galea huwa dejjem għadda lill-vittmi *cheque* ta' JFF Limited jew ta' Julian Micallef / Graziella Micallef li kien iffalsifikat, hu biżżejjed biex jikkonvinċi lill-Qorti illi l-imputat Stephen Galea kien ben konsapevoli tal-qerq li kien qed jiġi perpetrat bl-assistenza tiegħu, għad-dannu ta' Alfred Muscat, PTR Machinery, Richard Darmanin, Cortis Timbers and Wood u Vella Mechanical Services.

Iżda l-Qorti tqis illi l-imputat Stephen Galea aġixxa b'kompliċita' mal-awtur tat-truffa, Jason Zammit, li ġie pperpetrat għad-dannu tad-diversi vittmi li xehdu f'dawn il-proċeduri. Il-paragrafu (d) tal-artikolu 42 tal-Kap. 9 iqis bħala kompliċi f'delitt dik il-

[75] Ara xhieda ta' Paul Micallef, 29 ta' Awwissu 2019, li xehed illi l-persuna li ġiet tgħabbi x-xogħol, identifikat bħala l-imputat Stephen Galea, qal li ma kellux dokument tal-identifikazzjoni fuqu.

persuna li għad li ma tkunx waħda mill-persuni msemmija fil-paragrafi (a), (b) u (ċ) tal-istess artiklu 42, b'xi mod li jkun, xjentement, tkun għenet jew assistiet lill-awtur jew lill-awturi tad-delitt fl-atti li bihom id-delitt ikun ġie ippreparat jew ikkunsmat. Huwa evidenti li l-imputat Stephen Galea għen jew assista b'mod materjali lill-awtur tat-truffa perpetrata għad-dannu ta' PTR Machinery Cortis Timber and Wood, Richard Darmanin jew Clean Away Services, u Alfred Muscat meta mar jiġbor ix-xogħol ordnat mill-imgħallem tiegħu u ħallas għalih b'*cheques* iffalsifikati u misruqin. Madanakollu, ma jirriżultax li huwa kkommetta xi qerq għad-dannu ta' Sean Borg.

Ikkunsidrat;

L-imsemmi artikolu 344 jipprovdi illi għandu jinsab ħati ta' dan ir-reat kull min f'Malta xjentement jilqa' għandu jew jixtri ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan isir f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, jindaħal biex ibiegħhom jew imexxihom.

Kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Godwin Spiteri**:-

"*Ix-xjenza mehtiega fir-ricettatur tirrigwarda l-provenjenza kriminuza generika, u ma tirreferix ghad-dettalji specifici tar-reat principali tas-serq, fis-sens li hija xjenza li tista' tigi dedotta mic-cirkostanzi tal-kaz. Dan l-element intenzjonali jirrikjedi li r-ricettatur kien jaf, jew li mic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, kien messu ragonevolment jaf li l-oggett li ser jakkwista gej minn provenjenza kriminuza.*"[76]

Il-Qorti, mill-fatti li joħorġu mill-ġabra tal-provi proċesswali, ma għandha ebda riżerva biex tikkonkludi illi l-imputat Stephen Galea kien xjentement fil-pussess ta' *cheque* li ma kellux provenjenza leċita, liema cheque huwa laqa' għandu biex isarrfu għand Alfred Muscat. Kif ingħad diġa', il-provi miġjuba mill-Prosekuzzjoni juru biss illi dan ic-*cheque* misruq ingħata lill-imputat Stephen Galea biex isarrfu, u ma hemm ebda prova kwalsiasi li l-imputat kien involut fis-serq tac-*cheque-book* relattiv.

[76] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-2 ta' Marzu 2011.

Għalhekk, ġaladarba mhux mixli bis-serq tac-*cheque books,* l-imputat Stephen Galea għandu jinsab ħati wkoll tar-reat ta' riċettazzjoni taħt l-artikolu 334 tal-Kap. 9 in kwantu laqa' għandu wħud miċ-*cheques* provenjenti mic-*cheque books* misruqin.

Ikkunsidrat;

Stabbilit il-ħtija taż-żewġ imputati, wieħed bħala l-awtur u l-ieħor bħala kompliċi, għar-reat ta' truffa għad-dannu tal-vittmi kollha fuq imsemmija, għandu jingħad illi ma jistgħux jinsabu ħatja wkoll in konnessjoni mal-istess fatti, tar-reat minuri ta' frodi nnominata taħt l-artikolu 309 tal-Kap. 9, ħlief l-imputat Jason Zammit in kwantu għall-bejgħ ta' katina lil Sean Borg mingħajr ma infurmah li dan kien ġie akkwistat minn b'riżultat tar-reat ta' frodi. L-imsemmi artikolu 309 jiddisponi testwalment li ta' dan ir-reat jista' jinstab ħati min "*jagħmel xi qligħ* ***ieħor*** *b'qerq, mhux imsemmi fl-artikoli ta' qabel ta' qabel ta' dan is-Subtitolu...*" Għalhekk, billi l-imputati Jason qed jinsabu ħatja tar-reat imsemmi fl-artikolu ta' qabel, ċioe' l-artikolu 308 tal-Kap. 9, il-Qorti sejra tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-imputazzjonijiet bin-numru 4, 6, 8, 10, 22 u 24 taħt l-artikolu 309 tal-Kap. 9.

Ikkunsidrat;

Iż-żewġ imputati qed jiġu mixlija wkoll, fl-imputazzjonijiet bin-numru 14 u 17, b'kompliċita' fis-serq ta' żewġ settijiet ta' pjanċi : EVP-333 li nsterqu mill-vettura ta' Edmond Vella u DAB-908 li nsterqu mill-vettura ta' Joseph Borg.

Madankollu, imkien mill-ġabra tal-provi proċesswali ma jista' jiġi identifikat l-involviment tal-imputati f'dawn is-serqiet. Mhux biss ma kien hemm ebda xhud okulari li ra lill-imputati jew xi ħadd minnhom iwettqu s-serq tal-pjanċi iżda wkoll hi nieqsa dik is-suffiċjenza ta' evidenza ċirkostanzjali li torbot il-kommissjoni tas-serqiet jew waħda minnhom ma' xi wieħed mill-imputati. Huwa minnu illi l-provi jistabbilixxu illi l-imputat Stephen Galea kien qed isuq vann Transit bil-pjanċi li ġew rapportati misruqin, meta huwa pparteċipa fil-frodi li ġie perpetrat għad-dannu ta'

Cortis Timber and Wood (DAB 908) u PTR Machinery (EVP 333), iżda dan żgur ma jfissirx li kien l-imputat Stephen Galea, wisq inqas l-imputat Jason Zammit, li seraq il-pjanċi mill-vetturi rispettivi tad-derubati.

Għaldaqstant, l-imputati mhux sejrin jinsabu ħatja tar-reati addebitati fl-imputazzjonijiet bin-numri 14 u 17 u l-imputat Jason Zammit, għall-istess raġunijiet, mhux sejjer jinsab ħati tas-serq tal-pjanċi KBP 314 għad-dannu ta' Brian Alex Mizzi, addebitat fl-imputazzjoni bin-numru 26.

Madanakollu, il-fatt li fuq il-vann Ford Transit li Jason Zammit akkwista mingħand Julian Micallef kien hemm pjanċi ta' reġistrazzjoni misruqa mill-vettura ta' Brian Alex Mizzi, ifisser li għandu jinstab ħati tar-reat taħt ir-regolament 44(5) tar-Regolamenti dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur (L.S. 368.02). Dan is-subregolament jiddisponi illi: *Kull persuna li tagħmel użu minn marka ta' reġistrazzjoni xort'oħra minn dik mogħtija mill-Awtorità dwar xi vettura bil-mutur partikolari tkun ħatja ta' reat.*

L-istess in kwantu għall-imputat Stephen Galea: ġie ppruvat illi huwa kien qed isuq l-istess vann Ford Transit bi pjanċi misruqin li ma kienux jappartjenu lill-imsemmi vann iżda lill-vettura ta' Edmond Vella u l-vettura ta' Joseph Borg – huwa għandu jinsab ħati wkoll tal-imsemmi reat taħt ir-regolament 44(5) tar-Regolamenti dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur (L.S. 368.02), addebitat fl-imputazzjonijiet bin-numru 15 u 18, iżda mhux bir-reat ta' riċettazzjoni relattivament għall-istess pjanċi (EVP-33 u DAB-908), għaliex m'hemmx prova biżżejjed fl-atti proċesswali li l-imputat Stephen Galea kien laqa' għandu jew akkwista l-istess pjanċi: huwa ppruvat biss li saq il-vann tal-ko-imputat liema vann kien armat bi pjanċi misruqin.

Min-naħa l-oħra, l-imputat Jason Zammit għandu jinsab ħati tar-reat ta' riċettazzjoni in kwantu huwa ppruvat sodisfaċjentement li huwa laqa' għandu l-pjanċi tar-reġistrazzjoni bin-numru EVP-333, DAB-908 u KBP-314, ilkoll misruqin, tant illi

użahom fuq il-vann Transit li kien akkwista mingħand Julian Micallef u li ntuża fit-twettiq tal-frodi li ġie perpetrat għad-dannu ta' wħud mill-vittmi tal-iskema tal-frodi orkestrata minnu.

Ikkunsidrat;

Iż-żewġ imputati huma mixlijin bir-reat tal-falsifikazzjoni taħt l-artikolu 183 tal-Kodiċi Kriminali u bir-reat tal-użu ta' dokument iffalsifikat taħt l-artikolu 184 tal-istess Kodiċi.

Minnufih għandu jingħad illi mhux ippruvat li xi ħadd mill-imputati iffalsifika l-firem ta' Julian Micallef, Graziella Micallef jew rappreżentant ta' JFF Limited, fuq ic-*cheques* li ntużaw biex iħallsu lill-vittmi tal-iskema tal-frodi adoperata minnhom u minn terzi. Kemm hu hekk, mill-provi huwa stabbilit illi c-*cheques* dejjem ingħataw lill-vittmi minn Stephen Galea u minn terzi, lesti ffirmati u ħadd ma xehed li l-imputat Stephen Galea iffirma xi *cheque* minn dawk fil-presenza tagħhom.

Wisq inqas saret prova li kien l-imputat Jason Zammit li ffirma hu stess xi wieħed mill-imsemmija *cheques* jew xi dokument ieħor li bih ġie ingannat xi wieħed mill-vittmi. Għalkemm huwa minnu li ġie konkluż diġa' li Jason Zammit kien orkestra hu stess l-iskema tal-frodi perpetrat għad-dannu tal-vittmi kollha li ġew imħallsin b'*cheques* li kien seraq mingħand Julian Micallef, dan ma jfissirx neċessarjament li kien personalment iffalsifika l-firem ta' Julian Micallef jew ta' martu fuq l-istess *cheques*, anke għaliex il-provi jistabbilixxu li l-pjan tal-frodi ġie implimentat u eżegwit bil-parteċipazzjoni jew assistenza ta' diversi persuni oħrajn, fosthom l-imputat Stephen Galea u ċertu Josef Mifsud.

Madankollu, huwa ppruvat sodisfaċjentement illi ż-żewġ imputati xjentement għamlu użu minn *cheques* li huma falsifikati u għalhekk sejrin jinsabu ħatja tar-reat taħt l-artikolu 184 tal-Kap. 9 addebitat lilhom fl-imputazzjoni bin-numru 13.

B'żieda ma' dan, huwa ppruvat ukoll illi l-imputat Stephen Galea iffalsifika l-isem tiegħu fuq iż-żewġ skritturi li ġew iffirmati minnu u minn rappreżentant ta' PTR Machinery Limited, li permezz tagħhom PTR Machinery intrabtet għal garanzija kummerjċali fuq il-prodotti mibjugħin lil JFF Limited, u dan billi ffirma 'J. Pace' minflok ismu proprju bħala x-xerrej tal-prodotti. Dan ifisser illi l-istess imputat Stephen Galea għamel falsifikazzjoni fi skrittura kummerċjali b'falsifikazzjoni fil-firem u għandu għalhekk jinsab ħati tar-reat taħt l-artikolu 183 tal-Kap. 9, addebitat lilu fl-imputazzjoni bin-numru 12.

Ikkunsidrat;

Illi finalment, iż-żewġ imputati ġew mixlijin bir-reat ta' assoċjazzjoni taħt l-artikolu 48A tal-Kodiċi Kriminali.

*(1) Kull min f'Malta jassoċja ruħu ma' xi persuna jew persuni f'Malta jew barra minn Malta bil-għan li jagħmel delitt f'Malta li għalih hemm il-piena ta' priġunerija, ikun ħati tar-reat ta' assoċjazzjoni biex jagħmel dak ir-reat.*

*(2) L-assoċjazzjoni msemmija fis-subartikolu (1) tibda teżisti mill-waqt li fih xi sura ta' azzjoni tkun li tkun tiġi ppjanata jew miftiehma bejn dawk il-persuni.*

Jissussisti r-reat in eżami jekk xi persuni jassoċjaw ruħhom bil-għan li jagħmlu delitt li għalih hemm il-piena ta' prigunerija, li jfisser li l-kommissjoni tar-reat hi eskluża f'każ li r-reat ippjanat ikun kontravvenzjoni jew delitt punibbli biss b'multa. Ukoll, sabiex jiġi applikat l-imsemmi artikolu 48A, irid jiġi determinat liem'hu r-reat li l-Prosekuzzjoni tkun qed tallega li l-assoċjati jkunu ppjanaw jew ftehmu biex iwettqu, u kif tgħid il-liġi stess, l-assoċjazzjoni tibda teżisti mill-waqt li fih xi sura ta' azzjoni tkun li tkun tiġi ppjanata jew miftiehma bejn l-assoċjati fir-rigward ta' dan id-delitt.

Mhux meħtieġ li t-twettiq tad-delitt ikun ippjanat sa l-inqas dettall u bir-reqqa, u l-jingħad illi l-assoċjazzjoni teżisti anke mingħajr il-komplessita' ta' struttura u pjanijiet

ta' ghaqda jew organizzazzjoni, purche' jkun hemm qbil bejn żewġ partijiet jew iktar għal skop u għal għan komuni dwar il-modalitajiet ta' azzjoni biex jigi kommess ir-reat stabbilit.

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Sup.) fil-kawża fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Ellul**, datata 17 ta' Marzu, 2005, il-Qorti għamlet referenza għal Archbold, '*Criminal Pleading, Evidence and Practice*' (2003), dwar dan ir-reat in diżamina (*conspiracy*):

*"The essence of conspiracy is the agreement. When two or more agree to carry their criminal scheme into effect, the very plot is the criminal act itself: Mulcahy v. R. (1868) L.R. 3 H.L. 306 at 317; R. v. Warburton (1870) L.R. 1 C.C.R. 274; R. v. Tibbits and Windust [1902] 1 K.B. 77 at 89; R. v. Meyrick and Ribuffi, 21 Cr.App.R. 94, CCA. Nothing need be done in pursuit of the agreement: O'Connell v. R. (1844) 5 St.Tr.(N.S.) 1."*

*"The agreement may be proved in the usual way or by proving circumstances from which the jury may presume it: R. v. Parsons (1763) 1 W.Bl. 392; R. v. Murphy (1837) 8 C. & P. 297. Proof of the existence of a conspiracy is generally a "matter of inference, deduced from certain criminal acts of the parties accused, done in pursuance of an apparent criminal purpose in common between them": R. v. Brisac (1803) 4 East 164 at 171, cited with approval in Mulcahy v. R. (1868) L.R. 3 H.L. 306 at 317."*

Applikat dan kollu għall-fattispeċje tal-każ li għandha quddiemha, u stabbilit mill-assjem taċ-ċirkostanzi u l-provi proċesswali illi l-imputat Stephen Galea kien konsapevoli li kien qed jassisti lill-imputat Jason Zammit fit-twettiq tal-iskema tal-frodi iddiżinjata minnu, il-Qorti tqis illi hemm prova biżżejjed fl-atti li tistabbilixxi illi ż-żewġ imputati kienu ftiehmu minn qabel kif kellhom jaġixxu biex jimplimentaw l-istess skema tal-frodi. Jikkonsegwi minn dan li ż-żewġ imputati kienu assoċjaw

ruħhom biex jikkomettu r-reat ta' frodi u għalhekk għandhom jinsabu ħatja tar-reat taħt l-artikolu 48A tal-Kodiċi Kriminali.

Ikkunsidrat;

Illi ż-żewġ imputati qed jiġu mixlija bħala reċidivi.

Il-Prosekuzzjoni esebiet kopja awtentikata ta' tliet sentenzi[77], tnejn li ngħataw minn din il-Qorti diversament preseduta fil-konfront tal-imputat Stephen Galea fit-12 ta' Marzu 2019, entrambi fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Nikolai Sant) v. Stephen Galea** (Dok. SFX u Dok. SFY), fejn fiż-żewġ każijiet ingħata sentenza ta' xahar priġunerija sospiża għal tliet snin bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali[78]; u oħra li wkoll ingħatat minn din il-Qorti diversament preseduta fil-konfront ta' Jason Zammit (li għandu l-istess konnotati u numru tal-karta tal-identita' bħal dawk tal-imputat odjern Jason Zammit) fit-12 ta' Jannar 2017 fejn il-ħati ġie kkundannat multa ta' €5,000.

Dawn is-sentenzi jikkostitwixxu, fil-fehma tal-Qorti, prova biżżejjed li l-imputati, li llum qed jinsabu ħatja li kkommettew diversi reati, kienu ġew ikkundannati preċedentement għal reat b'sentenza u li għalhekk, huma reċidivi għall-fini tal-artikolu 49 tal-Kodiċi Kriminali. Billi lanqas ġie allegat illi kien ġie interpost appell minn xi waħda mis-sentenzi msemmija, il-Qorti tqis li dawn is-sentenzi kienu kollha saru definittivi meta ġew kommessi r-reati li dwarhom l-imputati qed jinsabu ħatja permezz ta' din is-sentenza.

---

[77] Dok. SFZ, li skont il-Prosekuzzjoni hija sentenza li ngħatat minn din il-Qorti diversament preseduta fil-konfront ta' Jason Zammit, ma jikkostitwixxix, fil-fehma tal-Qorti, sentenza għaliex ma fiha ebda wieħed mir-rekwiżiti tal-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali li jispeċifika dak li għandu jkun fiha sentenza. Dan jiddisponi hekk:-*"Il-qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat."*

[78] Id-difiża, b'dikjarazzjoni reġistrata fil-verbal tas-seduta tas-6 ta' Lulju 2023 kienet eżentat lill-Prosekuzzjoni milli tressaq lill-Uffiċjal Prosekutur biex jikkonferma l-identita' tal-ħati Stephen Galea fiż-ż-żewġ sentenzi Dok. SFX u Dok. SFY.

L-imputati qed jiġu mixlija wkoll taħt l-artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali. Dan jiddisponi:

*Meta persuna kkundannata ghal delitt, taghmel delitt iehor fi zmien ghaxar snin minn dak in-nhar li tkun skontat jew tkun giet mahfura l-piena, jekk iz-zmien ta' dik il-piena kien izjed minn hames snin, jew fi zmien hames snin, fil-kazijiet l-ohra kollha, tista' tehel piena akbar bi grad wiehed mill-piena stabbilita ghal dak id-delitt.*

Is-subartikolu 5A tal-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali jiddisponi:

*Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 28F, il-piena mogħtija f'sentenza sospiża meta dik is-sentenza ma tkunx daħlet fis-seħħ għandha, għall-finijiet tal-artikolu 50, titqies li tkun ġiet skontata mal-iskadenza tal-perjodu operattiv oriġinali msemmi fis-subartikolu (1) jew tal-perjodu operattiv magħmulminfloku kif provdut fl-artikolu 28B(2)(b).*

Minn eżami taż-żewġ sentenzi Dok. SFX it-tnejn minnhom mogħtija fit-12 ta' Marzu 2019 - u li minnhom ma ntweriex li ġie interpost appell, jew li daħlu fis-seħħ bl-applikazzjoni tal-artikolu 28B(1), jew li l-perijodu operattiv relattiv ġie estiż bl-applikazzjoni tal-artikolu 28B(2)(b) - jirriżulta li bl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu 5A tal-artikolu 28A tal-Kap. 9, dawn is-sentenzi għandhom jitqiesu li ġew skontati mal-iskadenza tal-perijodu operattiv ta' tliet snin, cioe' fit-12 ta' Marzu 2022. Għalhekk, meta ġew kommessi d-delitti li dwarhom qed jiġi kkundannat l-imputat Stephen Galea, xahar jew xaharjen biss wara s-sentenza, is-sentenzi kienu għadhom mhux skontati u konsegwentement, il-perijodu ta' ħames snin (jew ta' għaxar snin) imsemmi fl-artikolu 50 tal-Kap. 9, kien għadu ma skattax u l-imputat ma jistax jitqies bħala riċediv taħt l-imsemmi artikolu 50.

L-istess jgħodd għall-imputat Jason Zammit għaliex għalkemm ġie ppruvat illi huwa ġie kkundannat għall-ħlas ta' multa bis-sentenza tat-12 ta' Jannar 2017, ma nġiebet ebda prova li din il-multa ġiet imħallsa u li għalhekk, is-sentenza ġiet skontata. Fil-

fatt, la r-Reġistratur tal-Qorti u lanqas rappreżentant tiegħu ma xehed fir-rigward u ma ġie esebit ebda *fine report* li kien jikkostitwixxi l-aħjar prova tal-fatt li s-sentenza ġiet skontata.

Ikkunsidrat;

Illi ż-żewġ imputati qed jiġu mixlija li kkommettew delitti punibbli bil-priġunerija waqt il-perijodu operattiv tas-sentenza sospiża.

Il-Qorti tibda biex tosserva illi ma ġie esebit ebda sentenza jew kopja awtentikata li turi illi l-imputat Jason Zammit kien ingħata sentenza ta' priġunerija li ġiet sospiża bl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 28A tal-Kap. 9. Ġie diversi drabi ritenut illi l-fedina penali waħedha ma tikkostitwixxix l-aħjar prova la għall-fini tal-addebitu tar-reċidiva wisq anqas ta' kundanna għal piena ta' sentenza sospiża għall-fini tal-prova tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 28B tal-Kap. 9.

Iżda fejn għandu x'jaqsam l-imputat Stephen Galea, kif diġa' ġie stabbilit, id-delitti li dwarhom qed jiġi kkundannat illum ġew kommessi f'April jew Mejju 2019 u ċioe' fil-perijodu operattiv ta' żewġ sentenzi sospiżi li ngħataw fit-12 ta' Marzu 2019. Ma hemm xejn fiċ-ċirkostanzi tal-kommissjoni tar-reati li dwarhom qed tinstab ħtija llum, li jikkonvinċi lill-Qorti li ma tkunx ħaġa ġusta li tagħmel ordni taħt l-artikolu 28B tal-Kap. 9 fir-rigward tal-imputat Stephen Galea – għall-kuntrarju, ir-reati ġew kommessi biss xaharejn wara l-kundanna tas-sentenzi sospiżi u għalhekk huwa evidenti li l-imputat ma qiesx b'serjeta' t-twissija li ngħata dwar il-konsegwenzi tal-kommissjoni ta' reati waqt il-perijodu operattiv tas-sentenzi tat-12 ta' Marzu 2019. Ma nġabitx prova lanqas – u ma jirriżultax lill-Qorti wara r-riċerka li għamlet fir-rigward – li sal-lum ingħatat ordni li permezz tagħha xi waħda miż-żewġ sentenzi mogħtija fit-12 ta' Marzu 2019 bdiet isseħħ. Għaldaqstant, il-Qorti serja tordna taħt l-artikolu 28B tal-Kap. 9 fir-rigward ta' l-impuat Stephen Galea li ż-żewġ sentenzi sospiżi ta' xahar kull waħda, mogħtija fit-12 ta' Marzu 2019 (Dok. SFX), jidħlu fis-seħħ.

Ikkunsidrat;

Illi għall-fini tal-piena il-Qorti kkunsidrat il-fedina penali mhux netta tal-imputati kif ukoll il-gravita' tar-reati kommessi minnu fejn il-qerq li ġie perpetrat ikkaġuna telf komplessiv lil xejn inqas minn tmien vittmi, u fi valur komplessiv ta' iktar minn €25,000. Ma jirriżultax illi l-vittmi qatt ġew ikkumpensati għal dan it-telf soffert minnhom.

Ħadet qies ukoll tal-fatt illi fil-każ tal-imputat Jason Zammit, ir-reat tal-assoċjazzjoni, ir-reat ta' serq aggravat, kif ukoll ir-reat ta' riċettazzjoni in kwantu l-pjanċi misruqin minn tliet vetturi differenti, u r-reat taħt ir-regolament 44(5) tal-L.S. 368.02 ġew kommessi bħala mezz għall-fini li jiġi kommess ir-reat ta' kompliċita' fi frodi, u għaldaqstant, bl-applikazzjoni tal-artikolu 17(h) tal-Kap. 9, għandha tiġi applikata biss il-piena għar-reat l-iktar gravi ċioe' r-reat taħt l-artikolu 310(1)(a) tal-Kap. 9.

Fil-każ tal-imputat Stephen Galea, ir-reat tal-assoċjazzjoni, il-falsifikazzjoni u l-użu ta' dokument iffalsifikat u r-reat taħt ir-regolament 44(5) tal-L.S. 368.02, ukoll ġew kommessi bħala mezz għall-fini tal-kommissjoni tar-reat ta' frodi.

Fuq kollox, l-imputati ġew mixlija b'reat kontinwat taħt l-artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali, ċitat ukoll mill-Avukat Ġenerali fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju u għalhekk id-diversi reati li dwarhom qed tinsab ħtija għandhom jitqiesu bħala reat wieħed, ċioe' reat kontinwat, iżda l-piena tista' tiżdied minn grad sa żewġ gradi.

**Għal dawn il-motivi:**

**Fir-rigward ta' JASON ZAMMIT, filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-imputazzjonijiet bin-numru 4, 6, 8, 10, 22, 24 u 29 taħt l-artikoli 309 u 28B tal-Kodiċi Kriminali u l-addebitu tar-reċidiva taħt l-artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali, u filwaqt li tilliberah mill-imputazzjonijiet bin-numru 12, 14, 17 u 26 taħt l-artikoli 183, 261(f)(ġ), 270, 271 u 281(b) tal-Kodiċi Kriminali, wara li rat l-**

**artikoli 17, 18, 31, 48A, 49, 184, 284, 285, 308, 309, 310(1)(a)(b), 334(a) (in kwantu l-pjanċi msemmija fl-imputazzjonijiet bin-numru 14, 17 u 26) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-artikolu 15(1A) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta u r-regolament 44(5) tar-Regolamenti dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur (L.S. 368.02), issib lill-istess JASON ZAMMIT ħati tal-imputazzjonijiet bin-numru 1 (in kwantu Vella Mechanical Services), 2 (in kwantu Sean Borg), 3, 5, 7, 9, 11, 13, 15, 16, 18, 19, 21, 23, 25, 27, 28 u tal-addebitu tar-reċidiva taħt l-artikolu 49 fl-imputazzjoni bin-numru 20 u tikkundannah tliet (3) snin priġunerija effettiva.**

**Fir-rigward ta' STEPHEN GALEA, filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-imputazzjonijiet bin-numru 2, 4, 6, 8 u 10 taħt l-artikolu 309 tal-Kodiċi Kriminali u l-addebitu tar-reċidiva taħt l-artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali, u filwaqt li tilliberah mill-imputazzjonijiet bin-numru 14, 16, 17 u 19 taħt l-artikoli 261(f)(ġ), 270, 271 u 281(b) u 334 tal-Kodiċi Kriminali, wara li rat l-artikoli 17, 18, 28B, 31, 42(d), 43, 48A, 49, 183, 184, 308, 310(1)(a)(b) u 334(a) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-artikolu 15(1A) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta u r-regolament 44(5) tar-Regolamenti dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur (L.S. 368.02), issib lill-istess STEPHEN GALEA ħati tal-imputazzjonijiet bin-numru 1 (in kwantu Vella Mechanical Services), 3, 5, 7, 9, 11, 12, 13, 15, 18 (bħala kompliċi) u 30, kif ukoll l-addebitu tar-reċidiva taħt l-artikolu 49 fl-imputazzjoni bin-numru 20 u tikkundannah sentejn u nofs priġunerija effettiva u għall-fini tal-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali, tordna li ż-żewġ sentenzi mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fit-12 ta' Marzu 2019 (Dok. SFX) fejn il-ħati ġie kkundannat f'kull sentenza għal xahar priġunerija sospiża għal tliet snin, jidħlu fis-seħħ: għalhekk b'kollox sentejn u tmien xhur priġunerija effettiva.**

**Billi ma ġewx maħtura esperti jew periti fil-proċeduri, tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba li saret taħt l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.**

**Bl-applikazzjoni tal-artikolu 15A tal-Kodiċi Kriminali, tikkundanna lil JASON ZAMMIT għall-ħlas tas-somma ta' €7,681 lil Vella Mechanical Services, is-somma ta' €3,405 lil PTR Machinery Limited, is-somma ta' €2,630 lil Richard Darmanin jew Clean Away Services, is-somma ta' €4,682.64 lil Cortis Timber and Wood Products Limited, is-somma ta' €1,125 lill-Ko-operattiva Produtturi tal-Ħalib, is-somma ta' €5,020 lil Charlet Abela jew Andrew's Garage, u s-somma ta' €400 lil Sean Borg, in linea ta' kumpens għad-danni sofferti minnhom rispettivament b'riżultat tar-reat ta' frodi Dan l-ordni għandu jikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.**

**Bl-applikazzjoni tal-artikolu 15A tal-Kodiċi Kriminali, tikkundanna lil STEPHEN GALEA għall-ħlas tas-somma ta' €750 lil Alfred Muscat in linea ta' kumpens għad-danni sofferti minnu b'riżultat tar-reat ta' frodi. Dan l-ordni għandu jikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.**

**Bl-applikazzjoni tal-artikolu 23B tal-Kodiċi Kriminali, tordna fil-konfront tal-ħati JASON ZAMMIT il-konfiska favur il-Gvern tar-rikavat li ġie mir-reat ta' frodi, fil-valur komplessiv ta' ħamsa u għoxrin elf sitt mija u erbgħa u disgħin Euro (€25,694.00) jew ta' dik il-proprjetà li l-valur tagħha jkun jikkorrispondi għall-valur ta' dak ir-rikavat. Iżda billi mill-elenku tal-assi tal-ħati jirriżulta li ma kienx possibbli li jiġi identifikat dan il-valur tar-rikavat għall-fini tal-konfiska, tikkundanna lill-ħati, JASON ZAMMIT minflok, għal multa fis-somma li tkun tekwivali għall-ammont tar-rikavat mir-reat, cioe' ħamsa u għoxrin elf sitt mija u erbgħa u disgħin Euro (€25,694.00). Din il-multa tkun tista' tiġi rkuprata**

**bħala dejn ċivili u din is-sentenza tikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.**

**Bl-applikazzjoni tal-artikolu 23B tal-Kodiċi Kriminali, tordna fil-konfront tal-ħati STEPHEN GALEA il-konfiska favur il-Gvern tar-rikavat li ġie mir-reat ta' frodi, fil-valur komplessiv ta' seba' mija u ħamsin Euro (€750) jew ta' dik il-proprjetà li l-valur tagħha jkun jikkorrispondi għall-valur ta' dak ir-rikavat.**

**Billi mill-elenku tal-assi tal-ħati jirriżulta li ma kienx possibbli li jiġi identifikat dan il-valur tar-rikavat għall-fini tal-konfiska, tikkundanna lill-ħati, STEPHEN GALEA minflok, għal multa f'somma li tkun tekwivali għall-ammont tar-rikavat mir-reat, cioe' seba' mija u ħamsin Euro (€750). Din il-multa tkun tista' tiġi rkuprata bħala dejn ċivili u din is-sentenza tikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.**

**Tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lid-Direttur tal-Uffiċċju tal-Irkupru tal-Assi biex iwettaq l-ordni tal-konfiska.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**